DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2018/118

tal-31 ta' Awwissu 2017

dwar Għajnuna mill-Istat SA.35818 (2016/C) (ex 2015/NN) (ex 2012/CP) implimentata minn Spanja għal Iberpotash

(notifikata bid-dokument C(2017) 5877)

(It-test Spanjol biss huwa awtentiku)

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 108(2) tiegħu,

Wara li kkunsidrat il-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 62(1)(a),

Wara li talbet lill-partijiet interessati jissottomettu l-kummenti tagħhom skont id-dispożizzjoni(jiet) imsemmija aktar 'il fuq [1] u wara li kkunsidrat dawn il-kummenti,

Billi:

1. PROĊEDURA

(1) B'ilment tat-30 ta' Novembru 2012, il-Kummissjoni ġiet infurmata li Spanja kienet implimentat diversi miżuri ta' għajnuna allegati għal Iberpotash S.A., li ngħatat l-isem ġdid ta' ICL Iberia Súria & Sallent fl-2014 (it-tnejn li huma qed isir riferiment għalihom bħala "Iberpotash" minn hawn 'il quddiem). L-ilmentatur, li jixtieq li l-identità tiegħu tinżamm kunfidenzjali ("l-Ilmentatur"), issupplementa l-ilment tiegħu bis-sottomissjonijiet addizzjonali tat-28 ta' Diċembru 2012, l-14 ta' Frar 2014, l-24 ta' Frar 2014, is-6 ta' Mejju 2014 u s-27 ta' Jannar 2015.

(2) L-ilment intbagħat lil Spanja fl-10 ta' Jannar 2013 flimkien ma' talba għal informazzjoni. Spanja wieġbet fit-8 ta' Marzu 2013. Intbagħtu talbiet għal informazzjoni addizzjonali lil Spanja fl-14 ta' Mejju 2013, fis-16 ta' Jannar 2014 u fis-26 ta' Marzu 2014. Bl-ittri tat-13 ta' Ġunju 2013, l-14 ta' Frar 2014 u l-15 ta' April 2014 rispettivament, Spanja pprovdiet lill-Kummissjoni b'aktar informazzjoni b'risposta għal dawk it-talbiet.

(3) Ittra ta' valutazzjoni preliminari ntbagħtet lill-Ilmentatur fit-30 ta' Jannar 2015. B'reazzjoni għall-ittra ta' valutazzjoni preliminari, l-Ilmentatur issottometta aktar informazzjoni fil-5 ta' Marzu 2015 (risposta preliminari) u fil-21 ta' April 2015 (risposta finali għall-ittra ta' valutazzjoni preliminari). Barra minn hekk, fid-9 ta' Marzu 2015 saret laqgħa mal-Ilmentatur, u ġiet preżentata informazzjoni addizzjonali mill-Ilmentatur fl-4 ta' Ġunju 2015.

(4) Ir-risposta finali tal-Ilmentatur għall-ittra ta' valutazzjoni preliminari ntbagħtet lil Spanja għal kummenti fid-9 ta' Ġunju 2015, flimkien ma' talba għal informazzjoni addizzjonali. Spanja wieġbet fit-8 ta' Lulju 2015. Fuq talba ta' Spanja, verżjoni mhux kunfidenzjali tal-ittra ta' valutazzjoni preliminari ntbagħtet lil Spanja fil-31 ta' Lulju 2015.

(5) Permezz tal-ittra tas-26 ta' Jannar 2016, il-Kummissjoni infurmat lil Spanja li hija kienet iddeċidiet li tibda l-proċedura stabbilita fl-Artikolu 108(2) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea fir-rigward ta' tnejn mill-allegati miżuri ta' għajnuna. Bl-istess ittra, il-Kummissjoni kkonkludiet li t-tliet miżuri l-oħra li fuqhom tressaq l-ilment ma jikkostitwixxux għajnuna mill-Istat skont l-Artikolu 107(1) tat-Trattat.

(6) Id-deċiżjoni tal-Kummissjoni li tagħti bidu għall-proċedura ġiet ippubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* [2]. Il-Kummissjoni stiednet lill-partijiet interessati sabiex jissottomettu l-kummenti tagħhom dwar iż-żewġ allegati miżuri ta' għajnuna.

(7) Permezz ta' ittra datata d-19 ta' April 2016, Spanja pprovdiet kummenti dwar id-deċiżjoni li tinbeda l-proċedura. B'ittra tas-6 ta' Ottubru 2016, il-Kummissjoni talbet lil Spanja tipprovdi informazzjoni addizzjonali, li ġiet sottomessa minn Spanja b'ittra datata t-28 ta' Novembru 2016.

(8) Il-Kummissjoni rċeviet kummenti mingħand tliet partijiet terzi interessati, inkluża Iberpotash, l-allegata benefiċjarja tal-għajnuna. Hija bagħtithom lil Spanja, li ngħatat l-opportunità li tirreaġixxi; il-kummenti tagħha waslu permezz tal-ittri datati s-27 ta' Lulju 2016 u s-6 ta' April 2017.

[1] ĠU C 142, 22.4.2016, p. 18.
[2] Ara n-nota 1 f'qiegħ il-paġna.

2. DESKRIZZJONI DETTALJATA TAL-GĦAJNUNA

2.1. *RIĊEVITUR*

(9) Iberpotash hija s-sid u l-operatur ta' żewġ minjieri tal-potassa fil-baċir tax-xmara Llobregat fir-reġjun Bages fil-Katalonja, waħda f'Súria u l-oħra f'Sallent u f'Balsareny. Il-potassa tintuża għall-produzzjoni ta' fertilizzanti. Barra minn hekk, Iberpotash tipproduċi u tbigħ ukoll il-melħ, primarjament għal skopijiet industrijali.

(10) Iberpotash hija sussidjarja ta' ICL Fertilisers, kumpanija multinazzjonali Iżraeljana, li hija l-ikbar produttur ta' fertilizzanti fid-dinja. Il-minjieri tal-potassa, li ilhom joperaw fir-reġjun mis-snin 1920, kienu proprjetà tal-Istat sal-1998. Iberpotash akkwistat il-minjieri tal-potassa f'Súria u f'Sallent/Balsareny abbażi ta' ftehim ta' bejgħ u xiri konkluż fil-21 ta' Ottubru 1998 mas-Sociedad Estatal de Participaciones Industriales – SEPI, kumpanija azzjonarja pubblika tal-Istat Spanjol.

2.2. *ALLEGATI MIŻURI TA' GĦAJNUNA MILL-ISTAT*

(11) Skont l-Ilmentatur, l-awtoritajiet Spanjoli pprovdew għajnuna illegali u inkompatibbli mill-Istat lil Iberpotash permezz ta' għadd ta' miżuri. Dawn il-miżuri ta' għajnuna allegati kollha għandhom x'jaqsmu mal-obbligi ambjentali ta' Iberpotash rigward is-siti tal-minjieri tagħha fil-baċir tax-Xmara Llobregat u l-munzelli ta' skart tal-melħ li nħolqu f'dawn is-siti bħala riżultat tad-deċennji li matulhom operaw il-minjieri. Dawn l-allegati miżuri ta' għajnuna mill-Istat jinkludu:

(a) In-nuqqas tal-awtoritajiet Spanjoli li jikkonformaw mal-Artikolu 14 tad-Direttiva 2006/21/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([3]) ("id-Direttiva dwar l-Iskart mill-Estrazzjoni"), li allegatament wassal għal garanziji finanzjarji mnaqqsa għall-ksib tal-permessi għat-tħaddim tal-minjieri ta' Iberpotash' ("Miżura 1: livell imnaqqas tal-garanziji finanzjarji");

(b) Investimenti magħmula mill-awtoritajiet Spanjoli biex jiġu limitati u/jew jissewwew id-danni allegatament ikkawżati lill-ambjent minn Iberpotash bi ksur tal-prinċipju "min iniġġes iħallas". Dawn l-investimenti jinkludu:

— Il-bini ta' kollettur ġdid tal-ilma mielaħ li ilu jopera mill-2008 ("Miżura 2: kollettur ġdid tal-ilma mielaħ")

— Investimenti għat-titjib tal-faċilitajiet tat-trattament tal-ilma f'Abrera u f'Sant Joan Despí fix-Xmara Llobregat ("Miżura 3: investimenti fil-faċilitajiet tat-trattament tal-ilma")

— Il-kisja li tgħatti l-munzell tal-iskart tal-melħ fis-sit tal-minjiera ta' Vilafruns ta' Iberpotash ("Miżura 4: kisi tal-munzell ta' skart ta' Vilafruns")

(c) Il-finanzjament ta' studju ambjentali dwar il-munzell ta' skart ta' Cogulló ("Miżura 5: studju dwar il-munzell ta' skart ta' Cogulló")

(12) L-Ilmentatur jistma li t-total tal-allegata għajnuna lil Iberpotash minħabba dawn il-miżuri jinsab fil-medda ta' bejn EUR 260 u EUR 407 miljuni.

(13) L-Ilmentatur issottometta wkoll ilment separat dwar allegat ksur tal-liġi ambjentali tal-UE. Abbażi ta' dan l-ilment, f'Lulju tal-2014, il-Kummissjoni bagħtet ittra ta' intimazzjoni lil Spanja u b'hekk bdiet il-proċedura ta' ksur minħabba nuqqas ta' konformità mal-obbligi fil-qafas tad-Direttiva dwar l-Iskart mill-Estrazzjoni. F'Settembru 2015, ittra ta' intimazzjoni addizzjonali estendiet il-proċedura ta' ksur għan-nuqqas ta' konformità mad-Direttiva 2000/60/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([4]) ("id-Direttiva Qafas dwar l-Ilma"). Il-proċedura ta' ksur għadha pendenti ([5]).

2.3. *RAĠUNIJIET BIEX JINGĦATA BIDU GĦALL-PROĊEDURA*

(14) Fis-26 ta' Jannar 2016, il-Kummissjoni adottat deċiżjoni biex tiftaħ investigazzjoni formali rigward il-miżuri 1 u 4 ([6]) ("id-Deċiżjoni ta' Ftuħ") bil-għan li tindirizza d-dubji tagħha dwar jekk dawn il-miżuri jikkostitwixxux għajnuna mill-Istat fis-sens tal-Artikolu 107(1) tat-Trattat u jekk humiex kompatibbli mas-suq intern.

([3]) Id-Direttiva 2006/21/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Marzu 2006 dwar l-immaniġġjar ta' skart mill-industriji ta' estrazzjoni u li temenda d-Direttiva 2004/35/KE (ĠU L 102, 11.4.2006, p. 15).

([4]) Id-Direttiva 2000/60/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2000 li tistabbilixxi qafas għal azzjoni Komunitarja fil-qasam tal-politika tal-ilma (ĠU L 327, 22.12.2000, p. 1).

([5]) L-allegati każijiet ta' ksur tad-Direttiva dwar l-Iskart mill-Estrazzjoni ppreżentati f'din il-proċedura ta' ksur m'għandhomx x'jaqsmu mal-ammont tal-garanziji finanzjarji fil-qafas tal-Artikolu 14 tad-Direttiva kif ivvalutat f'din id-deċiżjoni.

([6]) Ara n-nota 1 f'qiegħ il-paġna.

(15) Fl-istess ħin, il-Kummissjoni kkonkludiet li l-miżuri 2, 3 u 5 ma jikkostitwixxux għajnuna mill-Istat fis-sens tal-Artikolu 107(1) tat-Trattat. Billi din il-konklużjoni ma ġietx ikkontestata, il-miżuri 2, 3 u 5 mhumiex l-oġġett tad-deċiżjoni preżenti u m'għandhomx jiġu vvalutati aktar minn hawn 'il quddiem.

2.3.1. DUBJI RIGWARD IL-MIŻURA 1: GARANZIJI FINANZJARJI MNAQQSA

(16) Il-Kummissjoni sabet fid-Deċiżjoni ta' Ftuħ li ma setgħetx teskludi li l-Miżura 1 tikkostitwixxi għajnuna mill-Istat. B'mod partikolari, kellha dubji dwar il-fatt jekk il-Miżura 1 involvitx it-trasferiment ta' riżorsi tal-Istat u jekk tatx xi vantaġġ ekonomiku lil Iberpotash, u għalhekk stiednet lill-awtoritajiet Spanjoli u lil partijiet terzi jipprovdu aktar evidenza f'dan ir-rigward.

(17) Sa fejn il-Miżura 1 tikkostitwixxi għajnuna mill-Istat, il-Kummissjoni kienet tiddubita li setgħet titqies kompatibbli.

2.3.2. DUBJI RIGWARD IL-MIŻURA 4: KISI TAL-MUNZELL TA' SKART TA' VILAFRUNS

(18) Il-Kummissjoni sabet fid-Deċiżjoni ta' Ftuħ li l-finanzjament pubbliku tal-kisi tal-munzell ta' skart ta' Vilafruns probabbilment jikkostitwixxi għajnuna mill-Istat. B'mod partikolari, qieset li l-Miżura 4 kienet probabbli li tagħti vantaġġ ekonomiku selettiv lil Iberpotash billi tiżgura prevenzjoni aħjar kontra t-tniġġis fil-faċilità tal-iskart proprjetà ta' Iberpotash u b'hekk tiżgura l-konformità mal-obbligi ambjentali tagħha. Għalhekk, il-Kummissjoni stiednet lill-awtoritajiet Spanjoli u partijiet terzi jikkummentaw fuq dawn il-konklużjonijiet preliminari.

(19) Barra minn hekk, il-Kummissjoni qieset li peress li l-kostijiet tal-investiment kienu ffinanzjati bis-sħiħ mill-awtoritajiet pubbliċi u Iberpotash tkopri biss il-kostijiet tal-manutenzjoni sussegwenti, l-intensità tal-għajnuna tal-Miżura 4 taqbeż sew l-intensitajiet għal għajnuna għal impriżi li jmorru lil hinn mill-istandards Komunitarji jew li jgħollu l-livell tal-ħarsien ambjentali fin-nuqqas ta' dawn l-istandards taħt it-taqsima 3.1.1 tal-*Linji gwida Komunitarji dwar l-għajnuna mill-Istat għall-ħarsien tal-ambjent* (2008/c 82/01) ("il-Linji Gwida dwar l-Għajnuna Ambjentali 2008") ([7]). Għalhekk, il-Kummissjoni esprimiet dubji dwar il-kompatibbiltà ta' tali għajnuna u stiednet lill-awtoritajiet Spanjoli u lil partijiet terzi jikkumentaw fuq dawn is-sejbiet preliminari.

3. **KUMMENTI MINN PARTIJIET INTERESSATI**

3.1. *KUMMENTI MINN IBERPOTASH*

(20) Fil-parti l-kbira tagħhom, Iberpotash tallinja l-kummenti tagħha ma' dawk sottomessi minn Spanja dwar iż-żewġ miżuri taħt investigazzjoni.

(21) Iberpotash tinnota, barra minn hekk, li l-Miżura 1 ma tinvolvix riżorsi tal-Istat peress li ma kienx hemm trasferiment ta' riżorsi minn Spanja lejn Iberpotash sal-lum. Barra minn hekk, ir-riskju li dan iseħħ huwa baxx ħafna minħabba li Iberpotash mhux qed tiffaċċja diffikultajiet ekonomiċi u se tkun f'pożizzjoni li ġġarrab il-kostijiet tar-riabilitazzjoni ambjentali fil-każ li l-ammont tal-garanzija jkun insuffiċjenti. Iberpotash tesprimi l-istess tħassib bħal Spanja rigward is-selettività tal-miżuri u rigward jekk humiex qed jikkonferixxu vantaġġ ekonomiku jew distorsjoni tal-kompetizzjoni bejn Stati Membri.

(22) Iberpotash ittenni li l-Miżura 4 hija kompatibbli mal-Linji Gwida dwar l-Għajnuna Ambjentali 2008 u li l-intensità tal-għajnuna applikabbli għar-riabilitazzjoni ta' siti kkontaminati hija 100 %.

3.2. *KUMMENTI MILL-EWWEL PARTI INTERESSATA (L-ILMENTATUR)*

(23) L-ewwel parti interessata, li tixtieq li l-identità tagħha tinżamm kunfidenzjali, tappoġġa l-ftuħ tal-proċedura ta' investigazzjoni formali u tappoġġja l-argumenti tal-Kummissjoni fid-Deċiżjoni ta' Ftuħ rigward iż-żewġ Miżuri.

(24) L-ewwel parti interessata żżid li l-iffissar ta' garanzija insuffiċjenti jinvolvi piż reali għall-awtoritajiet pubbliċi, li jġarrbu l-kostijiet tal-obbligi ambjentali ta' Iberpotash. Hija tinnota wkoll li Iberpotash kisbet vantaġġ ekonomiku minħabba li Iberpotash użat ir-riżorsi finanzjarji li hija ffrankat għall-iffinanzjar tal-attivitajiet ekonomiċi tagħha stess.

(25) L-ewwel parti interessata taqbel mal-Kummissjoni li l-għajnuna hija inkompatibbli peress li tikkostitwixxi għajnuna operatorja.

([7]) Linji gwida Komunitarji dwar l-għajnuna mill-Istat għall-ħarsien tal-ambjent (ĠU C 82, 1.4.2008, p. 1).

(26) Fir-rigward tal-Miżura 2, l-ewwel parti interessata tiġbed l-attenzjoni tal-Kummissjoni għal deċiżjoni tal-Qorti Provinċjali ta' Barċellona tat-22 ta' Frar 2016 li kkonfermat l-obbligu ta' Iberpotash li tirriabilita l-artijiet li saritilhom ħsara minħabba l-attivitajiet tagħha. Hija żżid ukoll li l-kisi tal-munzell ta' skart tal-melħ mhuwiex proġett "pilota" peress li l-ebda dokument relatat mal-iffinanzjar pubbliku ta' din il-miżura ma jiddeskrivi l-proġett fih innifsu u peress li l-metodu użat huwa wieħed magħruf sew li ntuża minn kumpaniji oħrajn tal-minjieri għal mill-inqas 15-il sena għal munzelli simili.

3.3. *KUMMENTI MIT-TIENI PARTI INTERESSATA*

(27) It-tieni parti interessata, li wkoll tixtieq li l-identità tagħha tinżamm kunfidenzjali, tappoġġja d-Deċiżjoni ta' Ftuħ tal-Kummissjoni.

(28) Fir-rigward tal-Miżura 1, hija tinnota, barra minn hekk, li l-kwistjoni jekk l-ammont tal-garanzija jikkonformax mal-leġiżlazzjoni applikabbli tal-UE jew ta' Spanja hija irrilevanti, minħabba li l-għajnuna tikkonsisti mill-fatt li l-Istat jassumi r-riskju finanzjarju tar-riabilitazzjoni tal-faċilitajiet affettwati; il-kwantifikazzjoni ta' tali riskju hija esklussivament kwistjoni ta' fatt, mhux tal-liġi.

(29) Barra minn hekk, it-tieni parti interessata tiddubita d-disponibbiltà ta' Iberpotash li tħallas għar-riabilitazzjoni ambjentali meta jirriżulta dan l-obbligu, minħabba li l-uniċi assi Spanjoli ta' Iberpotash huma l-faċilitajiet tal-minjieri tagħha, li se jingħalqu u għaldaqstant se jkunu ta' valur baxx wara l-2035.

(30) It-tieni parti interessata tinnota wkoll li l-iffissar ta' ammont ta' garanzija suffiċjenti jġib miegħu kost annwali ta' mill-inqas EUR 2 806 000 għal Iberpotash, li diffiċli jitqies bħala ammont insinifikanti. Hija żżid li l-istabbiliment tal-garanziji bl-ammont reali jirriżulta wkoll fl-evitar min-naħa ta' Iberpotash tal-kollateralizzazzjoni tar-riżervi finanzjarji tagħha.

(31) Fir-rigward tal-Miżura 2, it-tieni parti interessata tosserva li s-sentenza tal-Qorti Suprema tal-14 ta' Mejju 2009 flimkien mad-Direttiva tal-Kunsill 75/442/KEE ([8]) u mal-liġi Spanjola applikabbli tipprovdi li Iberpotash weħidha hija responsabbli għall-kisi tal-munzell ta' skart ta' Vilafruns preċiżament mill-mument meta ġew ittrasferiti lilha d-drittijiet tat-tħaffir, irrispettivament jekk is-sit huwiex attiv jew le.

(32) Fir-rigward tal-Miżura 4, it-tieni parti interessata targumenta li l-kisi tal-munzell ta' skart ta' Vilafruns hija responsabbiltà ta' Iberpotash u li Iberpotash għalhekk irċeviet vantaġġ selettiv minħabba l-finanzjament pubbliku tal-kisja. Barra minn hekk, it-tieni parti interessata ma taqbilx mal-kwalifikazzjoni tal-kisi bħala proġett pilota ta' teknika ġdida ta' riabilitazzjoni. Hija targumenta li l-kisi ta' munzelli ta' skart tal-melħ b'membrani ġeosintetiċi hija teknika antika li ilha tintuża għal żmien twil, pereżempju minn kumpaniji tal-potassa ta' Alsace jew dawk Ġermaniżi.

(33) Finalment, it-tieni parti interessata targumenta li l-kwistjoni jekk Iberpotash hijiex l-uniku produttur tal-potassa fi Spanja hija irrelevanti peress li s-suq rilevanti tal-potassa huwa wieħed globali. Wieħed ma jistax jiddubita xi effett fuq il-kummerċ peress li ġeografikament, Iberpotash qed tikkompeti ma' produtturi Franċiżi tal-melħ, bħalma jidher mill-prossimità (inqas minn 100 km bogħod) tas-siti ta' Súria u ta' Sallent mal-fruntiera Franċiża.

(34) Kemm l-ewwel kif ukoll it-tieni parti interessata pprovdew ukoll kummenti rigward tliet miżuri oħrajn analizzati fid-Deċiżjoni ta' Ftuħ (miżuri relatati ma' (i) kollettur ġdid tal-ilma mielaħ, (ii) investimenti fil-faċilitajiet tat-trattament tal-ilma, u (iii) studju dwar il-munzell ta' skart ta' Cogulló). Madankollu, kif ġie nnutat fil-premessa 15, il-Kummissjoni diġà kkonkludiet fid-Deċiżjoni ta' Ftuħ li dawn il-miżuri ma jikkostitwixxux għajnuna mill-Istat u għalhekk mhumiex l-oġġett tal-proċedura ta' investigazzjoni formali. Il-kummenti tal-partijiet terzi pprovduti esklussivament rigward dawn il-miżuri mhux koperti mill-investigazzjoni formali għalhekk jitqiesu irrelevanti għall-għanijiet ta' din id-deċiżjoni.

4. **KUMMENTI MINN SPANJA**

4.1. *KUMMENTI DWAR ID-DEĊIŻJONI TA' FTUĦ*

(35) Fejn tidħol il-Miżura 1, Spanja hija tal-opinjoni li l-ammont tal-garanzija kien dejjem adegwat u stabbilit b'konformità mal-leġiżlazzjoni applikabbli ta' Spanja u tal-Unjoni. B'mod aktar partikolari, Spanja targumenta li l-każijiet ta' ksur possibbli tad-Direttiva dwar l-Iskart mill-Estrazzjoni ma jinkludux l-iffissar baxx wisq tal-ammont tal-garanzija, u għalhekk ma setax kien hemm ksur tad-Direttiva.

([8]) Id-Direttiva tal-Kunsill 75/442/KEE tal-15 ta' Lulju 1975 dwar l-iskart (ĠU L 194, 25.7.1975, p. 39).

(36) Barra minn hekk, rigward il-kwistjoni tal-istabbiliment tal-ammont adegwat tal-garanzija, Spanja tiċħad bħala mhux konklużiva l-istqarrija datata t-2 ta' Ottubru 2013 tas-Sinjura Assumpta Feran (id-Direttur tad-Direttorat inkarigat mill-ambjent fi ħdan il-Generalitat de Catalunya) quddiem il-Kumitat Ambjentali tal-Parlament Katalan, li sostniet li l-garanzija finanzjarja kellha tammonta għal EUR 200 miljun. Skont Spanja, id-dikjarazzjoni saret f'dibattitu bejn partijiet politiċi opposti u għaldaqstant kienet xprunata minn kunsiderazzjonijiet politiċi. Spanja tqis ukoll is-sentenza tal-11 ta' Ottubru 2011 tal-Qorti tal-Ġustizzja Superjuri tal-Katalonja bħala mhux konklużiva rigward id-determinazzjoni tal-ammont adegwat tal-garanzija peress li l-qorti nfisha żammet lura milli tikkalkulah.

(37) Barra minn hekk, Spanja tqis bħala mhux affidabbli l-istudju pprovdut mill-ilmentatur u ċċitat mill-Kummissjoni fil-premessa 71 tad-deċiżjoni ta' ftuħ, peress li l-istudju ma kkalkulax l-ammont ta' garanzija adegwat abbażi tal-kriterji stabbiliti fid-Digriet 202/1994 tal-14 ta' Ġunju 1994, jiġifieri l-leġiżlazzjoni applikabbli rigward l-ammont tal-garanzija.

(38) Spanja targumenta wkoll, barra minn hekk, li l-Miżura 1 mhux qed tagħti vantaġġ ekonomiku selettiv lil Iberpotash. Kwalunkwe allegat vantaġġ ġie ffissat abbażi ta' qafas legali li kien applikabbli b'mod ugwali għall-kompetituri potenzjali kollha. Barra minn hekk, l-estrazzjonijiet ta' Sallent u ta' Súria huma l-uniċi attivi fi Spanja, u għaldaqstant Iberpotash ma kellhiex il-possibbiltà tikseb vantaġġ billi m'hemmx estrazzjonijiet oħrajn komparabbli fit-territorju Spanjol.

(39) Spanja ssostni li mhemmx riżorsi tal-Istat involuti peress li, fil-każ li l-ammont tal-garanzija ma jkunx suffiċjenti, l-obbligu ta' Iberpotash li tirriabilita l-art affettwata mill-attivitajiet ta' estrazzjoni jibqa' validu. Għalhekk, Spanja tista' tinforza l-obbligu ta' Iberpotash b'mezzi ta' sekwestru tad-drittijiet u tal-proprjetà ta' din tal-aħħar fit-territorju Spanjol.

(40) Fl-aħħar, Spanja tinnota li l-Miżura 1 mhux qed tfixkel il-kompetizzjoni u mhux qed taffettwa l-kummerċ bejn Stati Membri peress li l-kostijiet imġarrba minn Iberpotash, kieku kienet obbligata tiffissa ammont ta' garanzija ogħla, huma negliġibbli għall-istandards tal-industrija tal-estrazzjoni tal-potassa.

(41) Rigward il-Miżura 4, Spanja targumenta li ma jistax ikun li Iberpotash kisbet vantaġġ ekonomiku peress li, billi ma kinitx tniġġes, Iberpotash ma kellhiex l-obbligu tiksi l-munzell ta' skart tal-melħ ta' Vilafruns, skont il-leġiżlazzjoni Spanjola applikabbli fuq livell ġenerali. Barra minn hekk, Iberpotash iġġarrab il-kostijiet tal-manutenzjoni tal-kisi tal-munzell, u għaldaqstant, anki jekk, bis-saħħa tal-finanzjament pubbliku, hija ffrankat il-kostijiet tal-kostruzzjoni tal-munzell, hija mistennija tonfoq ammont ħafna ogħla għall-manutenzjoni tagħha għad-deċennji li ġejjin u b'hekk titlef kwalunkwe vantaġġ ekonomiku miksub permezz tal-miżura.

(42) Spanja tallega li l-Miżura 4 ma tistax tkun selettiva peress li Iberpotash hija l-unika intrapriża fi Spanja involuta f'attivitajiet ta' estrazzjoni tal-potassa.

(43) B'żieda ma' dan, il-miżura m'għandhiex effett distorsiv fuq il-kompetizzjoni bejn l-Istati Membri peress li l-melħ estratt, minħabba diffikultajiet relatati mat-trasport, ma jistax jiġi ttrasferit bejn l-Istati Membri.

(44) Jekk, minkejja dak li ntqal hawn fuq, il-Kummissjoni tiddeċiedi li l-Miżura 4 tikkostitwixxi għajnuna mill-Istat, Spanja tqis li din taqa' taħt il-livell limitu ta' għajnuna *de minimis* tar-Regolamenti tal-Kummissjoni (KE) Nru 1998/2006 ([9]) u (UE) Nru 1407/2013 ([10]).

(45) U fl-aħħar, Spanja talbet li l-Miżura 4 tiġi ddikjarata kompatibbli abbażi tal-Linji Gwida Ambjentali 2008, u b'mod speċjali fid-dawl tal-karattru innovattiv tat-teknoloġija użata għall-kisi tal-munzell ta' skart tal-melħ ta' Vilafruns li, b'differenza mit-teknoloġija użata f'faċilitajiet ta' minjieri oħrajn, hija ddisinjata wkoll biex tipprevjeni t-tnixxija tal-materjal iddepożitat.

4.2. *RISPONS TA' SPANJA GĦALL-KUMMENTI SOTTOMESSI MINN PARTIJIET TERZI*

(46) Spanja rrispondiet għall-osservazzjonijiet ifformulati dwar il-Miżura 1 miż-żewġ partijiet interessati billi għal darba oħra ġibdet l-attenzjoni għall-proċedura amministrattiva applikabbli skont il-liġi Spanjola għall-infurzar tal-obbligi ambjentali ta' Iberpotash u għall-irkuprar minn Iberpotash ta' kwalunkwe ammont eventwalment imħallas minn Spanja fil-każ li l-garanzija għar-riabilitazzjoni ambjentali tispiċċa insuffiċjenti. Il-kapaċità li hija tinforza dan l-obbligu ta' Iberpotash tfisser li m'hemmx piż fuq il-baġit tal-Istat u konsegwentement m'hemmx trasferiment ta' riżorsi tal-Istat.

([9]) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1998/2006 tal-15 ta' Diċembru 2006 dwar l-applikazzjoni tal-Artikoli 87 u 88 tat-Trattat għall-għajnuna *de minimis* (ĠU L 379, 28.12.2006, p. 5).

([10]) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1407/2013 tat-18 ta' Diċembru 2013 dwar l-applikazzjoni tal-Artikoli 107 u 108 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea għall-għajnuna *de minimis* (ĠU L 352, 24.12.2013, p. 1).

(47) Spanja wieġbet għall-osservazzjonijiet ifformulati dwar il-Miżura 4 miż-żewġ partijiet interessati billi spjegat li d-deċiżjoni tal-Qorti Provinċjali ta' Barċellona tat-22 ta' Frar 2016 inkludiet elenku tal-inħawi fejn Iberpotash kienet obbligata timplimenta miżuri ta' riabilitazzjoni ambjentali, li la fiha l-munzell ta' Vilafruns u lanqas jissemma li l-munzell hija sors ta' tniġġis. Barra minn hekk, il-persuni kkundannati bid-deċiżjoni kienu jiffurmaw parti mill-kumpanija li kienet tagħmel użu mill-minjieri qabel l-akkwiżizzjoni tal-konċessjoni tal-minjieri minn Iberpotash. Barra minn hekk, dawk il-persuni ġew ikkundannati għal azzjonijiet u ommissjonijiet li seħħew ħafna qabel il-kisi tal-munzell ta' Vilafruns.

(48) Spanja ttenni wkoll l-argumenti tagħha rigward in-nuqqas ta' obbligu min-naħa ta' Iberpotash, skont il-liġi Spanjola, biex tgħatti l-ponta ta' Vilafruns.

(49) U fl-aħħar, Spanja tiġbed l-attenzjoni għall-fatt li, minkejja li l-ewwel parti interessata tenfasizza li l-ebda dokumenti relatati mal-iffinanzjar pubbliku tal-kisja tal-munzell ma jiddeskrivuha bħala proġett "pilota", madankollu l-parti msemmija ma tqegħidx f'dubju li t-teknoloġija użata għall-kisja tal-munzell hija waħda distinta u, b'differenza mit-teknoloġija użata f'minjieri oħra tal-potassa, hija wkoll iddisinjata biex tipprevjeni t-tnixxija tal-materjal iddepożitat. Il-fatt li l-kelma "pilota" mhux qed tissemma' ma jeskludix il-karattru innovattiv tat-teknoloġija użata.

5. VALUTAZZJONI TAL-GĦAJNUNA

(50) Id-deċiżjoni l-ewwel tanalizza jekk iż-żewġ Miżuri taħt skrutinju jinkludux għajnuna mill-Istat lil Iberpotash skont it-tifsira tal-Artikolu 107(1) tat-TFUE u mbagħad jekk tali għajnuna, kieku tkun preżenti, kinitx tkun legali u kompatibbli mas-suq intern.

5.1. *EŻISTENZA TA' GĦAJNUNA MILL-ISTAT*

(51) Bis-saħħa tal-Artikolu 107(1) TFUE, kwalunkwe għajnuna mogħtija minn Stat Membru jew permezz ta' riżorsi tal-Istat fi kwalunkwe forma li twassal għal distorsjoni jew theddida ta' distorsjoni għall-kompetizzjoni, billi tiffavorixxi ċerti impriżi jew ċerti produtturi għandha, peress li tolqot il-kummerċ bejn l-Istati Membri, tkun inkompatibbli mas-suq intern.

(52) Sabiex tikkonkludi jekk hemmx preżenti għajnuna mill-Istat, il-Kummissjoni jeħtiġilha tivvaluta jekk il-kriterji kumulattivi stabbiliti fl-Artikolu 107(1) tat-TFUE (jiġifieri trasferiment ta' riżorsi tal-Istat u imputabbiltà, vantaġġ selettiv, distorsjoni potenzjali tal-kompetizzjoni u effett fuq il-kummerċ fi ħdan l-UE) humiex issodisfati għall-Miżuri vvalutati.

5.1.1. MIŻURA 1: LIVELL IMNAQQAS TAL-GARANZIJI FINANZJARJI

(53) Skont il-liġi nazzjonali u, fil-każ tal-minjieri li kienu diġà joperaw fl-1 ta' Mejju 2008, sa mill-2014 anki skont il-liġi tal-Unjoni, l-operaturi ta' faċilitajiet ta' minjieri huma obbligati jistabbilixxu garanzija finanzjarja mmirata lejn l-iżgurar li huma jkollhom riżorsi suffiċjenti mwarrba għall-kopertura tal-kostijiet tar-riabilitazzjoni tas-siti tagħhom malli jintemmu l-attivitajiet tagħhom ta' estrazzjoni. Barra minn hekk, dawn ir-riżorsi jistgħu jintużaw minn awtoritajiet pubbliċi fil-qafas tal-liġi nazzjonali rilevanti għall-iffinanzjar ta' miżuri ta' ħarsien tal-ambjent li l-operaturi huma obbligati jieħdu, iżda jonqsu li jagħmlu dan. L-operaturi jistgħu jistabbilixxu tali garanziji f'għamla ta' garanzija bankarja li għaliha jħallsu xi imposta. Skont l-Ilmentatur, Iberpotash irċeviet għajnuna illegali u inkompatibbli billi l-ammont tal-garanzija finanzjarja ġie ffissat lilha f'livell baxx ħafna mill-awtoritajiet rilevanti.

5.1.1.1. ***Vantaġġ ekonomiku selettiv***

(54) Il-Kummissjoni l-ewwel trid tivvaluta jekk il-livelli tal-garanziji finanzjarji kif iffissati mill-awtoritajiet Spanjoli kinux fil-fatt aktar baxxi minn dawk meħtieġa mir-regoli applikabbli fil-perjodu rilevanti. Dan huwa rekwiżit neċessarju għall-eżistenza ta' kwalunkwe għajnuna mill-Istat potenzjali rigward din il-miżura partikolari. Jekk, bil-kuntrarju, il-livell tal-garanziji kien ġie ffissat b'mod konformi mar-regoli applikabbli, Iberpotash tkun ġiet ittrattata bħal kwalunkwe impriża oħra f'sitwazzjoni simili u għalhekk ma kienx ikun hemm raġuni għalfejn titqies li ġiet iffavorita b'mod selettiv mill-applikazzjoni konkreta, fil-każ tagħha, tar-regoli stabbiliti għall-iffissar ta' garanziji finanzjarji.

Leġiżlazzjoni applikabbli

(55) Għalhekk, jinħtieġ li wieħed l-ewwel jiddeskrivi fil-qosor ir-regoli rilevanti tal-Unjoni u dawk nazzjonali li jirregolaw l-istabbiliment tal-garanziji finanzjarji.

(56) Skont l-Artikolu 14 tad-Direttiva dwar l-Iskart mill-Estrazzjoni, l-awtorità kompetenti għandha, "qabel ma jinbdew kwalunkwe operazzjonijiet li jinvolvu l-akkumulu jew id-depożitu ta' skart tal-estrazzjoni ġo faċilità tal-iskart, titlob garanzija finanzjarja (p.e. f'forma ta' depożitu finanzjarju, inklużi fondi ta' garanzija reċiproka sponserjati mill-industrija) jew l-ekwivalenti". L-għan ta' din il-garanzija hu li "l-obbligi kollha taħt il-permess li jinħareġ skont din id-Direttiva, inklużi d-dispożizzjonijiet ta' wara l-għeluq, jiġu sodisfatti" u li "ikun hemm fondi faċilment disponibbli fi kwalunkwe ħin għar-riabilitazzjoni tal-art affettwata mill-faċilità ta'-iskart".

(57) Abbażi tal-Artikolu 14(2) tad-Direttiva, il-kalkolu tal-garanzija għandu jsir abbażi ta' (i) l-impatt ambjentali probabbli tal-faċilità ta' skart, u (ii) il-presunzjoni li partijiet terzi indipendenti u kwalifikati kif xieraq jivvalutaw u jwettqu kwalunkwe xogħol ta' riabilitazzjoni meħtieġ. L-ammont tal-garanzija għandu jiġi aġġustat perjodikament skont kwalunkwe xogħol ta' riabilitazzjoni meħtieġ.

(58) Fejn jidħlu r-regoli nazzjonali, id-Direttiva dwar l-Iskart mill-Estrazzjoni ġiet trasposta għal-liġi Spanjola b'Digriet Rjali 975/2009 tat-12 ta' Ġunju 2009 dwar il-ġestjoni tal-iskart mill-estrazzjoni fil-minjieri u l-barrieri u r-riabilitazzjoni tal-inħawi affettwati minn attivitajiet tal-minjieri ("Digriet Rjali 975/2009"). Skont l-Ewwel Dispożizzjoni Tranżitorja (Disposición transitoria primera) tad-Digriet Rjali 975/2009, id-dispożizzjonijiet ta' dak l-att rigward il-garanziji finanzjarji (jiġifieri b'mod partikolari l-Artikolu 43) ikunu japplikaw mill-1 ta' Mejju 2014 'il quddiem għas-siti ta' minjieri li kienu diġà joperaw fl-1 ta' Mejju 2008 (inklużi s-siti ta' Iberpotash).

(59) Madankollu, qabel l-applikabbiltà tad-Digriet Rjali 975/2009 li jittrasponi d-Direttiva dwar l-Iskart mill-Estrazzjoni, fir-reġjun Katalan, il-permessi, il-pjanijiet ta' riabilitazzjoni u l-garanziji f'każijiet ta' kumpaniji tal-minjieri kienu regolati mil-Liġi 12/1981 li tistabbilixxi miżuri addizzjonali għall-protezzjoni ta' siti naturali affettwati minn attivitajiet ta' estrazzjoni ("Liġi 12/1981") ([11]) u mid-Digriet 202/1994 li jistabbilixxi l-kriterji biex jiġu ddeterminati l-garanziji relatati mal-programmi ta' riabilitazzjoni għal attivitajiet ta' estrazzjoni ("Digriet 202/1994") ([12]). Skont l-Artikolu 8 (2) tal-Liġi 12/1981, il-garanzija finanzjarja jenħtieġ li tiġi stabbilita filwaqt li tiġi kkunsidrata ż-żona affettwata mir-riabilitazzjoni u/jew il-kostijiet globali ta' din ir-riabilitazzjoni. L-Artikolu 2 tad-Digriet 202/1994 jikkwantifika l-ammont tal-garanziji għal kull ettaru għal diversi miżuri standard ta' riabilitazzjoni u jindika li għal kwalunkwe miżura speċifika oħra, l-ammont irid iqis il-kostijiet tagħhom ([13]). Barra minn hekk, l-Artikolu 3 tad-Digriet 202/1994 jistipula li għal attivitajiet ta' estrazzjoni li ma jseħħux f'siti naturali ta' interess speċjali (inklużi s-siti ta' Iberpotash), l-ammont li jirriżulta abbażi tal-Artikolu 2 irid jitnaqqas b'50 %.

L-ammonti ta' garanzija finanzjarja stabbiliti għal Iberpotash

(60) Abbażi ta' dawn ir-regoli nazzjonali, Iberpotash kisbet permess mill-Generalitat de Catalunya biex twettaq l-attivitajiet ta' estrazzjoni tagħha tal-potassa fis-sit tagħha f'Súria fid-9 ta' Novembru 2006 u fis-sit tagħha f'Balsareny/Sallent fit-28 ta' April 2008. Dawn il-permessi jikkostitwixxu deċiżjonijiet amministrattivi individwali li jiffissaw il-garanziji finanzjarji bl-ammont ta' EUR 1 130 128 għas-sit f'Balsareny/Sallent u bl-ammont ta' EUR 773 682,28 (li żdied għal EUR 828 013,24 fl-2008) għas-sit f'Súria. Dawn l-ammonti tal-garanzija ġew riveduti biss fl-2015, meta l-awtoritajiet Spanjoli pproponew livelli ferm ogħla li jammontaw għal EUR 6 979 471,83 għas-sit f'Balsareny/Sallent (fis-seħħ biss wara l-approvazzjoni mill-Qorti tal-Ġustizzja Superjuri tal-Katalonja f'Diċembru tal-2016 – ara hawn taħt) u EUR 6 160 872,35 għas-sit f'Súria (fis-seħħ minn Mejju 2015). L-ammonti ta' garanzija ġew iffissati b'deċiżjonijiet individwali u speċifiċi adottati mill-Generalitat u indirizzati lil Iberpotash.

Evidenza li l-ammonti ta' garanzija għal Iberpotash huma aktar baxxi milli meħtieġ

(61) F'dan ir-rigward ta' min wieħed jenfasizza li l-ewwel huwa f'idejn l-awtoritajiet ambjentali kompetenti li jiddeterminaw u japprovaw l-ammonti tal-garanziji finanzjarji skont ir-regoli nazzjonali jew reġjonali applikabbli fil-każ partikolari. Għalkemm il-Kummissjoni hija responsabbli biex tissalvagwardja t-traspożizzjoni u l-implimentazzjoni korretta tad-Direttiva dwar l-Iskart mill-Estrazzjoni, li hija applikabbli għall-garanziji finanzjarji ta' Iberpotash mill-1 ta' Mejju 2014, din id-Direttiva tħalli diskrezzjoni sinifikanti lill-Istati Membri biex jiddeterminaw l-ammont preċiż tal-garanziji. Għal din ir-raġuni, il-Kummissjoni ma daħlitx għal evalwazzjoni tagħha stess tal-livelli korretti tal-garanziji finanzjarji skont id-Direttiva dwar l-Iskart mill-Estrazzjoni, iżda tillimita l-valutazzjoni tagħha għal evalwazzjoni tal-evidenza eżistenti tal-insuffiċjenza tal-garanziji finanzjarji. Fil-fatt, hemm għadd ta' elementi ta' evidenza li jissuġġerixxu li l-ammont tal-garanziji finanzjarji kif iffissati mill-awtoritajiet pubbliċi fl-2006 u fl-2008 kien eventwalment aktar baxx milli mitlub mil-leġiżlazzjoni applikabbli.

([11]) Ley 12/1981, de 24 de diciembre, por la que se establecen normas adicionales de protección de los espacios de especial interés natural afectados por actividades extractivas.

([12]) Decreto 202/1994, de 14 de junio, por el que se establecen los criterios para la determinación de las fianzas relativas a los programas de restauración de actividades extractivas.

([13]) Ara l-Artikolu 2.4(h) tad-Digriet 202/1994.

(62) L-aktar fatt importanti huwa li l-Qorti tal-Ġustizzja Superjuri tal-Katalonja (Tribunal Superior de Justicia de Cataluña) iddeċidiet fil-11 ta' Ottubru 2011 li l-ammont tal-garanzija finanzjarja għall-munzell ta' skart ta' Cogulló fis-sit ta' Iberpotash f'Balsareny/Sallent bl-ammont ta' EUR 585 153 kien aktar baxx milli meħtieġ. Is-sentenza tikkonkludi li l-ammont tal-garanzija ma jirrispettax il-parametri legali u regolatorji stabbiliti mil-leġiżlazzjoni nazzjonali, filwaqt li tagħmel referenza partikolari għall-Artikolu 8(2) tal-Liġi 12/1981 u għad-Digriet 202/1994. Is-sentenza tgħid li, anki fin-nuqqas ta' kwalunkwe prova konklużiva ("una prueba concluyemente determinada") tal-ammont korrett tal-garanzija, il-Qorti kapaċi tikkonkludi li l-ammont tal-garanzija ffissat fil-livell ta' EUR 585 153 biss huwa ċar li mhuwiex konformi ma' dawn id-dispożizzjonijiet legali. B'hekk, il-qorti tiddikjara l-garanzija bħala insuffiċjenti u mhux konformi mal-leġiżlazzjoni applikabbli u tordna lill-awtoritajiet Spanjoli jiffissaw livell ġdid għall-garanzija finanzjarja. Din is-sentenza ġiet ikkonfermata bis-sħiħ fl-appell bis-sentenza tal-Qorti Suprema (Tribunal Supremo) tad-9 ta' Lulju 2014. Fl-aħħar, kif ġie nnutat mill-awtoritajiet Spanjoli, bid-deċiżjoni tagħha tal-14 ta' Diċembru 2016, il-Qorti tal-Ġustizzja Superjuri tal-Katalonja kkonfermat li l-ammont il-ġdid propost ta' EUR 6 979 471,83 għas-sit kollu f'Balsareny/Sallent kien adegwat.

(63) Fid-dawl tas-sentenza nazzjonali tal-Qorti tal-Ġustizzja Superjuri tal-Katalonja tal-11 ta' Ottubru 2011, li b'mod awtorevoli tinterpreta r-regoli rilevanti nazzjonali, il-Kummissjoni tqis li ntwera li l-ammont oriġinali tal-garanzija finanzjarja għas-sit ta' Iberpotash f'Balsareny/Sallent iffissat fl-2006 fil-livell ta' EUR 1 130 128 (inkluż EUR 585 153 munzell ta' skart ta' Cogulló) kien ferm insuffiċjenti. Bid-deċiżjoni tagħha tal-2016, il-Qorti tal-Ġustizzja Superjuri tal-Katalonja kkonfermat li l-ammont totali għal Balsareny/Sallent kellu fil-fatt jiġi ffissat f'livell mill-inqas 6 darbiet ogħla, u x'aktarx saħansitra ogħla għall-perjodu ta' qabel it-tħabbir tal-Pjan Phoenix fl-2011 – ara l-premessi 73, 80 u 81 ta' hawn taħt.

(64) Minkejja li m'hemmx sentenza tal-qorti simili rigward il-garanzija għas-sit ta' Súria, hemm evidenza konvinċenti li s-sejba ta' insuffiċjenza ċara tal-livell ta' garanzija kienet tkun daqstant probabbli f'każ ta' kwalunkwe kawża l-qorti. L-ammont tal-garanzija oriġinali ta' EUR 773 682,28 (li żdied għal EUR 828 013,24 fl-2008) jirrifletti b'mod proporzjonali l-fatt li s-sit f'Súria huwa iżgħar minn dak f'Balsareny/Sallent fir-rigward tal-massa tal-iskart akkumulat u l-erja totali tal-munzelli ta' skart ([14]). Barra minn hekk, il-garanzija għal Súria żdiedet b'mod sinifikanti għal EUR 6 160 872,35 fl-istess żmien bħal dik għal Balsareny/Sallent (jiġifieri biss wara l-ordni tal-qorti u l-konferma tagħha fl-appell) u bi proporzjon saħansitra ogħla (aktar minn 7 darbiet ogħla). Għaldaqstant, fin-nuqqas ta' kwalunkwe fattur ieħor li jispjega d-differenza tal-ammonti tal-garanziji għal Súria minn naħa u għal Balsareny/Sallent min-naħa l-oħra, l-ammont tal-garanzija għal Súria jista' wkoll jitqies insuffiċjenti.

(65) Kemm l-awtoritajiet Spanjoli kif ukoll Iberpotash jikkonfermaw fis-sottomissjonijiet tagħhom li l-Qorti tal-Ġustizzja Superjuri tal-Katalonja qieset li l-garanzija għal El Cogulló kienet insuffiċjenti. Huma jippruvaw itaffu s-sentenza tal-qorti billi jsostnu li: (i) il-qorti rrikonoxxiet li, mill-inqas f'parti minnha, is-sitwazzjoni tmur lura għall-1929, (ii) il-qorti tammetti li m'għandhiex prova konklużiva, u (iii) il-qorti allegatament ma sabitx ksur konkret ta' norma legali partikolari. Madankollu, l-ebda wieħed minn dawn l-argumenti rigward is-sentenza ma jaffettwa l-konklużjoni dwar l-insuffiċjenza tal-garanzija. Il-fatt li l-awtoritajiet Spanjoli fil-fatt irrivedew l-ammont tal-garanzija wara l-konferma tas-sentenza fl-appell u ssottomettewh lill-qorti għall-approvazzjoni jikkonferma r-rilevanza tas-sentenza. Barra minn hekk, is-sentenza tal-11 ta' Ottubru 2011 tirreferi espliċitament għad-dispożizzjonijiet leġiżlattivi rilevanti stabbiliti fl-Artikolu 8(2) tal-Liġi 12/1981 u fid-Digriet 202/1994.

(66) Apparti s-sejba awtorevoli minn qorti nazzjonali, l-investigazzjoni żvelat diversi elementi oħra ta' evidenza li jikkorroboraw is-sejba li l-livell oriġinali tal-garanziji finanzjarji kien aktar baxx milli suppost.

(67) L-ewwel, tliet partijiet issottomettew traskrizzjoni uffiċjali mis-seduta ta' smigħ quddiem il-Kumitat Ambjentali tal-Parlament Katalan tat-2 ta' Ottubru 2013, bi stqarrijiet espliċiti mid-Direttur Ġenerali għall-Ambjent tal-Generalitat de Catalunya li skonthom il-garanziji kienu insuffiċjenti b'mod ċar. Id-Direttur Ġenerali ssuġġerixxa li l-ammont ta' garanzija meħtieġ possibbilment jista' saħansitra jlaħħaq l-ammont ta' EUR 200 miljun. Minkejja li t-traskrizzjonijiet ta' diskussjoni politika fil-Parlament ma fihomx ġustifikazzjoni rilevanti għall-ammont mgħoddi, u għalhekk iridu jiġu ttrattati b'mod kawt, l-ordnijiet tad-daqs u d-differenza mill-ammont reali fil-fatt jikkonfermaw il-konklużjonijiet milħuqa mill-esperti fil-qasam, li qiesu l-ammont tal-garanziji ffissati fl-2006 u l-2008 bħala insuffiċjenti b'mod ċar.

([14]) Skont l-Istudju ERF sottomess mill-ilmentatur (ara l-premessa 68), fl-2011 il-munzell attiv tal-iskart f'Balsareny/Sallent (El Cogulló) kellu erja ta' 35 ettaru u massa tal-iskart ta' 41 Mt filwaqt li l-munzell attiv tal-iskart f'Súria (El Fusteret) kellu erja ta' 27 ettaru u massa tal-iskart ta' 22 Mt.

(68) It-tieni, l-Ilmentatur issottometta studju ta' Awwissu tal-2012 li kkummissjona minn esperti tal-ambjent ("Studju ERF"). L-istudju huwa stħarriġ minn esperti li janalizza u jikkompila ammont kbir ta' informazzjoni eżistenti (legali, akkademika jew li tirriżulta minn investigazzjoni tas-suq) dwar is-suġġett rilevanti. L-Istudju ERF analizza s-sitwazzjoni eżistenti fir-rigward tal-impatt ambjentali tas-siti tal-minjieri ta' Iberpotash u l-iżviluppi futuri previsti rigward l-ammont totali tal-materjal akkumulat fil-munzelli ta' skart. Huwa jikkonkludi li l-impatt ambjentali tal-munzelli ta' skart kien sinifikanti u mistenni li jibqa' jikber fil-futur.

(69) Abbażi tal-informazzjoni disponibbli, l-Istudju ERF jistma l-evoluzzjoni li ġejja tal-volum ta' skart akkumulat fil-munzelli ta' skart f'Súria u f'Sallent sa tmiem l-attivitajiet ta' estrazzjoni fl-2035:

Tabella 1

Akkumulazzjoni stmata tal-iskart fil-munzelli f'Suria u f'Sallent

	Volum fl-2012 (fi kt)	Żieda annwali netta fil-volum (fi kt/sena)	Volum fl-2035 (fi kt)
Sallent	41 000	1 454	74 531
Súria	22 000	525	33 895
TOTAL	**63 000**	**1 979**	**108 426**

(70) Barra minn hekk, l-Istudju ERF janalizza għażliet possibbli għar-riabilitazzjoni tal-munzelli ta' skart, inkluż: (i) l-irdim tal-materjal ta' skart fil-mini ta' taħt l-art, (ii) it-taħlil tal-melħ preżenti fil-munzelli tal-iskart bl-ippumpjar ta' ilma u r-rimi tal-ilma mielaħ li jirriżulta, jew lejn il-baħar jew taħt l-art, jew (iii) il-kisi tal-munzelli ta' skart b'materjal li jipprevjeni l-infiltrazzjoni tal-ilma tax-xita u t-tnixxija tal-melħ fl-ambjent. Jikkonkludi li fis-sitwazzjoni tas-siti ta' Iberpotash l-aktar metodu xieraq huwa l-kisi tal-munzelli ta' skart. Huwa metodu pjuttost sempliċi u magħruf sew minħabba li diġà ntuża f'għadd ta' każijiet, saħansitra mill-awtoritajiet Katalani stess. Barra minn hekk, huwa l-aktar metodu xieraq għar-riabilitazzjoni mill-amministrazzjonijiet pubbliċi f'każ li l-kumpanija tal-estrazzjoni ma tissodisfax l-obbligi tagħha billi, għall-kuntrarju tal-metodi l-oħrajn, ma jeħtieġx installazzjoni addizzjonali ta' infrastruttura industrijali sinifikanti. Għalhekk, l-Istudju ERF jikkalkula l-kost mistenni tar-riabilitazzjoni tas-siti ta' Iberpotash bil-kisi tal-munzelli.

(71) Il-kalkolu tal-kostijiet mistennija huwa bbażat fuq l-analiżi tal-kost unitarju tal-komponenti individwali tal-kisi għall-munzell ta' skart li jirriżulta minn riċerka dwar is-suq mill-esperti ma' fornituri ta' diversi xogħlijiet u provvisti involuti u bl-użu tad-*data* dwar il-prezzijiet tal-2012 ippubblikata mill-Istitut Katalan għat-Teknoloġija u l-Kostruzzjoni (Institut de Tecnologia de la Construcció de Catalunya – ITeC). Għall-paragun, l-istudju juża wkoll il-kostijiet globali tar-riabilitazzjonijiet għall-għażliet ta' riabilitazzjoni differenti kif stmati fl-istudju mħejji fl-2001 minn Symonds Group għad-DĠ għall-Ambjent tal-Kummissjoni Ewropea ([15]). Jinkludi wkoll il-kostijiet ta' manutenzjoni u ta' kontroll tal-munzelli miksijin għal 10 snin addizzjonali wara l-finalizzazzjoni tal-kisja. Dan il-kost unitarju jiġi mbagħad applikat għall-ammont stmat tal-materjal ta' skart fil-munzelli fi tliet mumenti ta' żmien differenti: (i) l-ammonti reali fl-2012, (ii) l-ammonti mistennija fl-2015 (sena tal-bidu mistenni tal-produzzjoni tal-melħ mill-materjal ta' skart f'impjant ġdid f'Súria), u (iii) l-ammonti mistennija fl-2035 (meta hu ppjanat it-twaqqif tal-attivitajiet ta' estrazzjoni ta' Iberpotash). l-kostijiet totali ta' riabilitazzjoni li rriżultaw f'dawn il-perjodi huma miġbura fil-qosor fit-tabella li ġejja:

Tabella 2

Kostijiet stmati ta' riabilitazzjoni skont l-Istudju ERF

Sena	kostijiet stmati ta' riabilitazzjoni (EUR miljun)		
	Súria	Balsareny/Sallent	Total
2012	24,8	46,2	**71,0**

([15]) *A study of the costs of improving management of mine waste*, Symonds Group flimkien ma' COWI, rapport tad-DĠ għall-Ambjent, il-Kummissjoni Ewropea, rapport finali, Ottubru 2001.

Sena	kostijiet stmati ta' riabilitazzjoni (EUR miljun)		
	Súria	Balsareny/Sallent	Total
2015	26,9	52,3	**79,2**
2035	38,2	83,8	**122,0**

(72) Fuq din il-bażi, l-Istudju ERF iqis li l-ammont tal-garanzija finanzjarja bbażat fuq ir-regoli leġiżlattivi l-ġodda tad-Digriet Rjali 975/2009 definittivament m'għandux ikun aktar baxx mill-kostijiet bażiċi tar-riabilitazzjoni fl-2012, li jammontaw għal EUR 71 miljun għaż-żewġ siti, u l-ammont adegwat tagħha, bil-kunsiderazzjoni tal-kostijiet totali fil-futur, għandu jkun madwar EUR 100 miljun.

(73) Fl-aħħar, l-Istudju ERF janalizza l-impatt tal-estrazzjoni ppjanata u l-kummerċjalizzazzjoni tal-melħ fil-munzelli abbażi tal-Pjan Phoenix li kien għadu kif tħabbar u li beda jiġi implimentat fl-2012. B'kunsiderazzjoni ta' diversi xenarji rigward il-produzzjoni mistennija tal-potassa u l-melħ fil-futur (inklużi l-aktar pjanijiet ambizzjużi ta' Iberpotash li tbigħ 1,5 miljun tunnellata melħ fis-sena), l-Istudju ERF jikkonkludi li fil-qafas ta' kwalunkwe wieħed minn dawk ix-xenarji, il-Pjan Phoenix kien se jdewwem biss, iżda mhux se jwaqqaf, iż-żieda annwali kontinwata tal-materjal totali ta' skart akkumulat fis-siti ta' Iberpotash. Fl-aktar xenarju ottimistiku, il-Pjan Phoenix kien se jwassal għal tnaqqis tal-materjal ta' skart totali ddepożitat fil-munzelli għal 1 213 kt fis-sena (meta mqabbel ma' 1 979 kt fis-sena mingħajr il-Pjan Phoenix). Għalhekk, filwaqt li l-Pjan Phoenix għandu impatt apprezzabbli billi jnaqqas l-akkumulazzjoni annwali tal-iskart b'sa kważi 40 %, l-Istudju ERF iqis li l-Pjan Phoenix ma jistax jitqies bħala miżura awtosuffiċjenti ta' riabilitazzjoni, iżda pjuttost bħala fattur ta' taffija peress li se jwassal l-aktar l-aktar għal dewmien tat-tkabbir tal-munzelli eżistenti ta' skart, iżda mhux għall-eliminazzjoni tagħhom.

(74) Iberpotash targumenta li l-Istudju ERF ma jistax iservi ta' bażi għall-kalkolu tal-ammont tal-garanzija peress li huwa stess jirrikonoxxi l-fatt li mhuwiex ibbażat fuq id-dispożizzjonijiet rilevanti tad-Digriet 202/1994 u peress li fih għadd ta' stqarrijiet u *data* skorretti.

(75) Il-Kummissjoni tirrikonoxxi li l-istudju ma jsegwix d-dispożizzjonijiet rilevanti tad-Digriet 202/1994 u jiffoka aktar fuq il-kundizzjonijiet tad-Digriet Rjali 975/2009 li jittrasponi d-Direttiva dwar l-Iskart mill-Estrazzjoni filwaqt li jiffoka fuq il-kostijiet mistennija tar-riabilitazzjoni. Madankollu, ir-riżultati tiegħu li jindikaw il-kostijiet stmati ta' riabilitazzjoni għas-siti individwali ta' Iberpotash huma bbażati fuq metodoloġija soda u suppożizzjonijiet raġonevoli kif deskritti hawn fuq fil-premessi 68–73 u għalhekk huma rilevanti għall-kalkolu tal-garanziji anki fil-qafas tad-Digriet 202/1994. Dan huwa muri b'mod partikolari fl-Artikolu 2.4(h) tad-Digriet 202/1994, li jirreferi għall-kostijiet ta' kwalunkwe miżura speċifika oħra li tista' tkun meħtieġ u b'hekk mhux qed jillimita l-kalkolu għall-miżuri individwalment elenkati fil-punti preċedenti tal-Artikolu 2) ([16]).

(76) Barra minn hekk, ir-rilevanza tal-firxa ta' ħsara għall-ambjent u tal-kostijiet mistennija għar-riabilitazzjoni hija wkoll, almenu b'mod espliċitu, evidenti fil-kliem tas-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja Superjuri tal-Katalonja tal-11 ta' Ottubru 2011, li fir-rigward tal-ammont tal-garanziji finanzjarji, tistqarr li: "id-dispożizzjoni ewlenija u ċentrali hija l-Artikolu 8.2 tal-Liġi Nru 12/1981 […] li jistabbilixxi li f'kull każ, b'rabta mar-riabilitazzjoni, l-ammont irid jiġi stabbilit abbażi tal-erja affettwata mir-riabilitazzjoni, il-kost kumplessiv jew midawn iż-żewġ kriterji […] ("el precepto cardinal y central del caso es el artículo 8.2 de Ley 12/1981[…] al disponer que en cualquier caso, en lo referente a la restauración, la cuantía debe fijarse en función de la superficie afectada por la restauración, por el coste global de la restauración o por ambos aspectos conjuntamente […]")" u li mbagħad tikkonkludi li l-awtorizzazzjoni mhijiex konformi mal-liġi applikabbli peress li "ma stabbilixxietx il-garanziji fil-każ preżenti b'konformità mal-limiti legali […] ("no ha establecido une fianza ajustada al caso en los límites legales […]")". U fl-aħħar, tali kostijiet mistennija ta' riabilitazzjoni huma b'mod ċar rilevanti għall-kalkolu tal-garanzija skont l-Artikolu 43 tad-Digriet Rjali 975/2009, applikabbli għal Iberpotash mill-1 ta' Mejju 2014.

(77) Barra minn hekk, il-Kummissjoni tinnota li barra minn kritika ġenerali tas-suppożizzjonijiet allegatament impreċiżi u skorretti tal-Istudju ERF, la l-awtoritajiet Spanjoli u lanqas Iberpotash ma jidentifikaw dawk l-allegati nuqqasijiet ta' preċiżjoni u suppożizzjonijiet skorretti jew jipprovdu kwalunkwe argument speċifiku jew jipproponu stima alternattiva tagħhom tal-kostijiet totali tar-riabilitazzjoni għas-siti ta' Iberpotash.

([16]) L-adegwatezza tal-użu tal-Artikolu 2.4(h) tad-Digriet 202/1994 f'dan ir-rispett donnu tiġi rrikonoxxuta wkoll bl-osservazzjonijiet ta' Iberpotash dwar id-Deċiżjoni ta' Ftuħ (ara b'mod partikolari l-paragrafu 68 tal-osservazzjonijiet).

(78) L-awtoritajiet Spanjoli jargumentaw li l-ammonti tal-garanziji kienu jikkonformaw mal-kriterji skont il-liġi nazzjonali billi kienu jikkunsidraw il-kostijiet mistennija skont il-pjan ta' riabilitazzjoni eżistenti ta' dakinhar. Barra minn hekk, Iberpotash issottomettiet l-istudju tagħha stess minn esperti bil-għan li turi li l-garanzija kienet suffiċjenti rigward iż-żewġ kriterji indikati fil-leġiżlazzjoni nazzjonali, jiġifieri d-daqs tal-erja affettwata u l-kostijiet mistennija tar-riabilitazzjoni.

(79) Madankollu, kif ġie spjegat hawn fuq, huwa ċar li l-konformità mal-kriterji skont il-liġi nazzjonali ma ġietx ikkonfermata mis-sentenza tal-qorti. Barra minn hekk, il-miżuri inklużi fil-pjan ta' riabilitazzjoni u kkunsidrati fl-istudju sottomess minn Iberpotash kienu limitati għall-bini ta' kanali perimetriċi, baċini għall-ilma mielaħ mix-xita miġbur u miżuri simili mmirati għal-limitazzjoni tat-tniġġis, iżda huwa ċar li ma wasslux għal riabilitazzjoni permanenti tal-munzelli ta' skart. Għalhekk, l-istudju la jinkludi u lanqas jikkwantifika miżuri xierqa ta' riabilitazzjoni għall-kalkolu tal-kost mistenni. Peress li l-kostijiet reali mistennija ta' riabilitazzjoni huma rilevanti għall-kalkolu tal-garanzija finanzjarja kemm fil-qafas tal-leġiżlazzjoni Katalana (ara l-premessa 75 ta' hawn fuq) kif ukoll fil-qafas ta' dik tal-Unjoni, il-konklużjonijiet tal-istudju pprovdut minn Iberpotash ma jistgħux iservu ta' bażi għall-kalkolu tal-ammont sħiħ u korrett tal-garanziji. Kif intwera mill-Istudju ERF, iżda wkoll minn eżempji ta' munzelli simili ta' skart fi Franza jew fil-Ġermanja ([17]), tali riabilitazzjoni normalment tinvolvi jew (a) tneħħija totali tal-munzelli (pereżempju bl-irdim tal-materjal taħt l-art), jew (b) id-desalinizzazzjoni gradwali tal-munzelli bl-ippumpjar tal-ilma fil-munzell u l-ġbir tal-ilma mielaħ li jirriżulta minn dan, jew (c) il-kisi permanenti tal-munzelli. Dawn il-miżuri ta' riabilitazzjoni xierqa, madankollu jiswew ferm aktar flus mill-bini ta' kanali perimetriċi, baċini għall-ilma mielaħ mix-xita miġbur u miżuri simili mmirati biss għal-limitazzjoni tat-tniġġis. Dan huwa muri wkoll mill-kostijiet involuti għall-kisi tal-miżbla ta' Vilafruns, li ammontaw għal EUR 7,9 miljun (mingħajr l-kostijiet tal-manutenzjoni annwali). Meta wieħed jikkunsidra li Vilafruns b'madwar 3 miljun tunnellata materjal tal-melħ huwa munzell żgħir meta mqabbel mal-munzell attiv ta' Cogulló (Balsareny/Sallent) b'41 miljun tunnellata jew il-munzell ta' Fusteret (Súria) bi 22 miljun tunnellata, l-kostijiet totali tar-riabilitazzjoni ta' dawn il-minjieri attivi u l-kisi tal-munzelli tal-iskart korrispondenti x'aktarx li jkunu ferm ogħla mill-kostijiet għal Vilafruns.

(80) Barra minn hekk, Iberpotash targumenta li l-ammont ta' skart fil-munzelli se jitnaqqas b'mod sinifikanti bis-saħħa tal Pjan Phoenix tagħha, li tħabbar fl-2011 u li jimmira għall-ipproċessar tal-iskart fil-munzelli bil-għan li jiġi prodott melħ tekniku għall-bejgħ fis-suq. Bħala parti minn dan il-proġett, Iberpotash tippjana li tibni impjant tal-melħ bil-vakwu għall-estrazzjoni tal-melħ mill-materjal ta' skart prodott matul l-attivitajiet tagħha ta' estrazzjoni tal-potassa u li tbigħ dan il-melħ fis-suq. Hija tistenna li se tibda billi tbiegħ annwalment madwar 750 elf tunnellata ta' melħ u qed tippjana li aktar tard iżżid dan l-ammont sa 1,5 miljun tunnellata melħ fis-sena.

(81) Madankollu, minkejja li l-pjan li mill-inqas parti mill-materjal ta' skart jiġi pproċessat u kkummerċjalizzat, jista', fil-prinċipju, inaqqas il-volum u s-salinità tal-munzelli u b'hekk anki l-kostijiet mistennija tar-riabilitazzjoni tagħhom, dan il-pjan tħabbar minn Iberpotash biss fl-2011, u l-implimentazzjoni tiegħu bdiet fl-2012 u għadha għaddejja. Għalhekk, huwa ċar li l-Pjan Phoenix ma kellux jiġi kkunsidrat għall-istabbiliment tal-ammont tal-garanziji fl-2006 u fl-2008 peress li kien għadu inċert wisq dakinhar.

Konklużjoni dwar l-eżistenza ta' vantaġġ ekonomiku selettiv

(82) Fid-dawl ta' dak li ntqal hawn fuq, il-Kummissjoni tqis li l-evidenza miġbura u l-perizja sottomessa jikkorroboraw is-sejbiet tal-qorti nazzjonali, li l-ammonti oriġinali tal-garanziji finanzjarji kienu insuffiċjenti b'mod ċar biex jiżguraw riabilitazzjoni xierqa.

(83) Għalhekk, il-Kummissjoni tqis li l-garanziji finanzjarji ffissati mill-awtoritajiet Spanjoli fl-2006 u fl-2008 kienu fil-fatt aktar baxxi mil-livell normali meħtieġ skont il-leġiżlazzjoni nazzjonali applikabbli. Għalhekk, Iberpotash ngħatat vantaġġ ekonomiku f'għamla ta' imposti bankarji mraħsa mħallsa ta' kull sena għall-garanzija finanzjarja. Peress li skont Iberpotash, l-imposti bankarji tagħha għall-garanziji ammontaw għal 1 % tal-ammont tal-garanziji fis-sena, livell totali ferm aktar baxx tal-garanziji b'hekk naqqas l-imposti bankarji rilevanti mħallsa minn Iberpotash u għalhekk naqqas ukoll il-kostijiet tagħha meta mqabbla ma' operaturi oħrajn li l-garanziji tagħhom kellhom jikkonformaw mal-liġi. Għalhekk, il-Kummissjoni tqis li Iberpotash gawdiet minn vantaġġ ekonomiku minħabba l-livell imnaqqas tal-garanziji finanzjarji.

(84) L-argumenti tal-awtoritajiet Spanjoli u ta' Iberpotash li l-awtoritajiet pubbliċi ma pprovdewx lil Iberpotash bi kwalunkwe vantaġġ jew trattament preferenzjali bħala riżultat tal-applikazzjoni rigoruża tar-regoli rilevanti ma

([17]) Ara pereżempju r-Rapport Annwali tal-kumpanija Ġermaniża tal-estrazzjoni tal-potassa K+S Kali GmbHfor tal-2015, il-paġna 48 (http://www.k-plus-s.com/en/archiv/finanzberichte.html), il-metodi ta' riabilitazzjoni użati għall-munzelli ta' skart ta' Alsace, kif deskritti fid-dokument tal-ACA pprovdut bħala Anness 2 għas-sottomissjoni tal-awtoritajiet Spanjoli tad-19 ta' April 2016, jew ktieb tal-espert Ġermaniż Henry Rauche: Die Kaliindustrie im 21. Jahrhundert, Springer-Verlag Berlin Heidelberg 2015, https://mining-report.de/blog/henry-rauche-die-kaliindustrie-im-21-jahrhundert/.

jistgħux jiġu aċċettati billi ġie stabbilit hawn fuq li dawn id-deċiżjonijiet tal-awtoritajiet pubbliċi wasslu għal livell ta' garanziji finanzjarji aktar baxx milli normalment meħtieġ. Barra minn hekk, l-argument li l-leġiżlazzjoni Katalana hija fil-fatt aktar stretta minn regoli simili fil-livell tal-Istat jew f'reġjuni oħra ta' Spanja mhuwiex rilevanti peress li tali spejjeż huma speċifiċi għas-sit u r-regoli li jikkonċernaw il-garanziji finanzjarji li kellhom jiġu stabbiliti minn Iberpotash, li kellhom jiġu rrispettati, kienu dawk applikabbli fil-Katalonja, fejn kienu jinsabu l-munzelli ta' skart. Iberpotash tħalliet mill-awtoritajiet pubbliċi żżomm garanziji finanzjarji aktar baxxi milli mitluba s-soltu mil-leġiżlazzjoni Katalana applikabbli għaliha u għaldaqstant irċeviet vantaġġ selettiv f'għamla ta' imposti bankarji aktar baxxi għall-garanziji mnaqqsa meta mqabbla ma' operaturi oħra f'pożizzjoni simili.

(85) Għaldaqstant, il-Kummissjoni tikkonkludi li l-Miżura 1 ipprovdiet vantaġġ ekonomiku selettiv lil Iberpotash.

5.1.1.2. ***Trasferiment ta' riżorsi tal-Istat***

(86) Rigward il-kriterju tar-riżorsi tal-Istat, l-Ilmentatur jissottometti li garanzija baxxa wisq li ma tkoprix il-kostijiet sħaħ tar-riabilitazzjoni tippreżenta trasferiment (potenzjali) ta' riżorsi tal-Istat. Allegatament jikkonsisti f'riskju li fil-każ li Iberpotash ma tissodisfax l-obbligi tagħha rigward ir-riabilitazzjoni tas-siti tagħha, l-Istat ikollu jġarrab dawn il-kostijiet. L-ilmentatur jirreferi għad-deċiżjoni tal-Kummissjoni fil-każ tal-minjieri ta' Georgsmarienhütte, ([18]) fejn il-Kummissjoni qieset bħala għajnuna mill-Istat eċċezzjoni mill-obbligi ambjentali ta' produttur tal-azzar rigward ir-riċiklaġġ u r-rimi tat-trab industrijali.

(87) L-awtoritajiet Spanjoli u Iberpotash jargumentaw li anki fil-każ li l-garanzija tkun aktar baxxa milli meħtieġ, Iberpotash kien se jkollha madankollu l-obbligu ġenerali li tirriabilita s-siti tagħha u kienet se tiġi obbligata tħallas il-kostijiet ta' din ir-riabilitazzjoni. Dawn il-kostijiet fl-ebda każ mhuma limitati mill-ammont tal-garanzija finanzjarja. Għalhekk, l-Istat mhux qed jeħles lil Iberpotash mill-obbligi finanzjarji tagħha. Barra minn hekk, kwalunkwe riskju li fil-futur Iberpotash ma tkunx f'pożizzjoni li tkopri dawn il-kostijiet kollha u jkun jenħtieġ li l-Istat jintervjeni mil-lat tar-riżorsi tal-Istat, huwa remot għall-aħħar u mhuwiex probabbli fid-dawl tas-sitwazzjoni finanzjarja b'saħħitha tal-kumpanija omm ta' Iberpotash. L-awtoritajiet Spanjoli jargumentaw li fil-każ li fil-futur Iberpotash ma tissodisfax dawn l-obbligi, hemm biżżejjed assi ta' Iberpotash fi Spanja li jistgħu jiġu ssekwestrati mill-awtoritajiet bil-għan li jiġu rkuprati l-kostijiet tar-riabilitazzjoni.

(88) Il-Kummissjoni tinnota li l-garanziji inkwistjoni f'dan il-każ mhux qed jiġu eżaminati taħt ir-regoli dwar l-għajnuna mill-Istat rigward l-ammont ta' imposta possibbilment mitluf fid-dawl tar-riskju jew l-esponiment għar-riskju tal-garanti (jiġifieri bank privat, mhux l-Istat), iżda rigward ir-riskju għall-Istat fil-każ li l-ammont ta' garanzija jkun aktar baxx mill-kostijiet reali tad-dannu għall-ambjent u li l-kumpanija li għandha l-garanzija ma tħallasx jew ma tistax tħallas il-kostijiet sħaħ tar-riabilitazzjoni.

(89) Fir-rigward tal-każ preċedenti mqajjem mill-ilmentatur, il-każ ta' Georgsmarienhütte kien ferm differenti peress li l-Land tas-Sassonja t'Isfel b'mod ċar assuma r-responsabbiltà għar-rimi tat-trab u fil-fatt ħallas DEM 64,64 miljun għal dan ir-rimi. Dan mhuwiex il-każ hawnhekk, irrispettivament mill-ammont tal-garanzija, billi Iberpotash tibqa' responsabbli għar-riabilitazzjoni tas-siti tal-minjieri tagħha u l-awtoritajiet Spanjoli s'issa ma impenjawx ruħhom iħallsu kwalunkwe kost ta' riabilitazzjoni minflok Iberpotash. Għalhekk, il-każ ta' Georgsmarienhütte ma jistax iservi ta' preċedent għall-każ preżenti.

(90) Il-garanzija finanzjarja minn Iberpotash hija pprovduta f'għamla ta' garanzija bankarja, li mhijiex liberament disponibbli għall-Istat tista' tintuża biss għal miżuri strettament definiti mil-liġi, b'mod partikolari għall-iffinanzjar tat-tneħħija ta' skart, ir-riabilitazzjoni tas-sit u miżuri ambjentali oħrajn fil-każ li Iberpotash ma tissodisfax l-obbligi ambjentali tagħha. L-Istat mhu qed jikseb l-ebda mgħax fuq il-fondi tal-garanzija jew vantaġġ finanzjarju ieħor li se jitnaqqas f'każ ta' ammont aktar baxx tal-garanzija. Barra minn hekk, l-Istat s'issa ma kienx f'pożizzjoni fejn kien meħtieġ li jagħmel kwalunkwe użu mill-garanzija għal kwalunkwe wieħed mill-għanijiet ta' hawn fuq. Madankollu, anke jekk l-ammont imnaqqas tal-garanzija s'issa ma wassalx għal kwalunkwe effett potenzjali fuq ir-riżorsi tal-Istat, dan il-fatt waħdu ma jeskludix l-eżistenza ta' effett potenzjali fuq ir-riżorsi tal-Istat minħabba r-riskju miżjud li l-Istat jiġi obbligat jonfoq ir-riżorsi tiegħu fil-futur.

(91) Fil-fatt, il-ħolqien ta' riskju konkret tal-impożizzjoni futura ta' piż addizzjonali fuq l-Istat huwa suffiċjenti għall-għanijiet li jiġi ssodisfat il-kunċett tal-għajnuna mill-Istat, skont l-Artikolu 107(1) tat-Trattat ([19]). Il-Qorti tal-Ġustizzja sostniet ukoll li r-rabta ma' u l-effett fuq ir-riżorsi tal-Istat ta' miżura ta' għajnuna mill-Istat teħtieġ li tkun diretta biex jiġi ssodisfat dan il-kriterju.

([18]) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 1999/227/KESE tad-29 ta' Lulju 1998 dwar għajnuna mogħtija mil-Land tas-Sassonja t'Isfel (il-Ġermanja) lil Georgsmarienhütte GmbH (ĠU L 83, 27.3.1999, p. 72).

([19]) Ara wkoll il-kawża C-200/97 Ecotrade, ECLI:EU:C1998:579, b'mod partikolari l-paragrafu 41.

(92) L-għan innifsu ta' dawn il-garanziji finanzjarji huwa li jiġi żgurat li l-kumpaniji tal-estrazzjoni jkollhom riżorsi suffiċjenti mwarrba biex ikopru kostijiet futuri ta' riabilitazzjoni, tkun liema tkun il-qagħda finanzjarja tagħhom fil-futur (ta' spiss pjuttost imbiegħed). Għalhekk huwa evidenti li fil-każ li l-ammont tal-garanzija jkun ferm aktar baxx mill-kostijiet mistennija tar-riabilitazzjoni, hemm mill-inqas riskju miżjud li r-riżorsi tal-Istat forsi jiġu affettwati fil-futur. Dan ir-riskju tal-kostijiet potenzjali għall-baġit pubbliku huwa biċ-ċar ogħla milli fil-każ li l-ammont garantit ikun ġie ffissat b'mod korrett b'mod konformi mal-leġiżlazzjoni applikabbli, b'kunsiderazzjoni xierqa għall-kostijiet mistennija ta' riabilitazzjoni. Jekk dawn ir-riżorsi jkunu ferm aktar baxxi milli meħtieġ, ir-riżorsi tal-Istat, fl-aħħar mill-aħħar jispiċċaw biex ikollhom ikopru parti ikbar minn dawn il-kostijiet fil-każ li Iberpotash, għal kwalunkwe raġuni, ma tkunx trid jew ma tkunx tista' tagħmel dan. Barra minn hekk, fil-każ li Iberpotash ma tkunx kapaċi tħallas il-kostijiet tar-riabilitazzjoni fil-futur, il-possibbiltà allegata għall-awtoritajiet Spanjoli li jissekwestraw assi ta' Iberpotash x'aktarx li ma twassalx għal riżorsi addizzjonali sinifikanti peress li l-uniċi assi Spanjoli ta' Iberpotash (u tal-grupp ICL kollu) huma l-faċilitajiet tagħha ta' estrazzjoni tal-potassa. Madankollu, malli jingħalqu l-minjieri tal-potassa, il-valur ta' dawn l-assi jkun dubjuż.

(93) Il-fatt li l-Istat ikun obbligat jinvolvi ruħu fuq inizjattiva tiegħu stess fil-każ li Iberpotash ma tkunx trid jew ma tkunx tista' tieħu l-miżuri ta' riabilitazzjoni meħtieġa rigward il-munzelli ta' skart tagħha huwa stabbilit sew fil-leġiżlazzjoni applikabbli.

(94) L-ewwel, skont l-Artikolu 102 tal-Liġi 39/2015 ([20]), l-Istat jista' jieħu miżuri minflok il-parti legalment responsabbli għat-teħid ta' tali miżuri. Spanja jkollha (i) tordna lil Iberpotash tieħu miżuri ddefiniti b'mod speċifiku; (ii) tinforma lil Iberpotash li nkella, l-amministrazzjoni se tieħu dawk il-miżuri hija stess, u b'liema kostijiet; (iii) timplimenta dawn il-miżuri; u (iv) tipprova tirkupra l-kostijiet minn Iberpotash, ħaġa mhux possibbli mid-definizzjoni tagħha jekk Spanja jkollha teżegwixxi l-garanzija finanzjarja insuffiċjenti. Filwaqt li formalment, din il-possibbiltà hija waħda fakultattiva, fil-każ li Iberpotash tonqos li taqdi l-obbligi tagħha li tirriabilita l-faċilitajiet tagħha, Spanja ma jkollhiex għażla oħra ħlief li tħallas bil-quddiem għal riabilitazzjoni bħal din, peress li nkella, Spanja ma tikkonformax mal-obbligi tagħha stess.

(95) It-tieni, kif ġie nnutat fil-premessa 13, Spanja tista' tkun qed tikser l-obbligi tagħha fil-qafas tad-Direttiva dwar l-Iskart mill-Estrazzjoni u d-Direttiva Qafas dwar l-Ilma. Għalhekk, fil-każ li Iberpotash tabbanduna l-faċilitajiet tagħha wara li teżawrixxi r-riżorsi minerali u ma tirriabilitax dawn il-faċilitajiet, minħabba l-garanzija insuffiċjenti, l-uniku mod ta' kif Spanja tkun tista' tissodisfa l-obbligi tagħha fil-qafas ta' dawk id-Direttivi u eventwalment tevita li tħallas penali ta' kuljum imposti mill-Qorti tal-Ġustizzja Ewropea huwa li hija stess tħallas għat-tneħħija tal-munzelli ta' skart tal-melħ jew riabilitazzjoni ugwalment effikaċi.

(96) It-tielet, skont id-dispożizzjonijiet tal-liġi Spanjola 27/2006 tat-18 ta' Lulju 2006, ([21]) l-awtoritajiet Spanjoli jistgħu jkunu obbligati jikkonformaw mal-obbligi tagħhom fil-qafas tal-leġiżlazzjoni ambjentali. Kull organizzazzjoni mhux governattiva li tissodisfa l-kriterji stipulati fil-Liġi 27/2006 tista', fil-każ ta' ksur ambjentali elenkat fl-Artikolu 18(1) tal-Liġi 27/2006 (inkluż, pereżempju, każijiet ta' ksur rigward l-obbligi fil-qasam tal-ħarsien tal-ilma), tieħu azzjoni fil-qorti biex iġġiegħel lill-amministrazzjoni tikkonforma mal-obbligi ambjentali tagħha.

(97) Ir-raba', id-Direttiva 2004/35/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([22]) tindika fl-Artikolu 6(3) li fil-każijiet fejn operatur responsabbli, biex jieħu azzjonijiet ta' rimedju rigward dannu lill-ambjent, jonqos milli jikkonforma mal-obbligi tiegħu, l-awtorità kompetenti tista' tieħu dawn il-miżuri hija stess, bħala l-aħħar soluzzjoni. B'mod simili, skont l-Artikolu 5(3), l-awtorità kompetenti tista', jekk l-operatur rilevanti jonqos milli jagħmel dan, tieħu miżuri ta' prevenzjoni neċessarji bil-għan li telimina theddida imminenti ta' dannu għall-ambjent. Jekk Iberpotash ma tieħux miżuri ta' riabilitazzjoni meħtieġa malli jingħalqu l-attivitajiet ta' estrazzjoni tagħha, il-munzelli mhux riabilitati ta' skart jistgħu jsiru theddida imminenti għall-ambjent, għaldaqstant ikun hemm bżonn li tittieħed azzjoni ta' rimedju jew ta' prevenzjoni mill-awtoritajiet pubbliċi kompetenti bħala l-aħħar soluzzjoni.

(98) Finalment, l-awtoritajiet Spanjoli stess jindikaw ([23]) li skont l-Artikolu 9 tal-Liġi 12/1981, fil-każ li l-operatur ma jikkonformax mal-obbligi tiegħu, l-Administratión de la Generalitat tista' teżegwixxi dawn il-miżuri b'mod sfurzat bil-kostijiet imġarrba mill-operatur. Huma jindikaw li fil-prattika, l-amministrazzjoni timplimenta l-miżuri rilevanti, li mbagħad ikunu ffinanzjati bil-garanzija finanzjarja jew, fil-każ li l-garanzija tkun insuffiċjenti, bil-bejgħ

([20]) Ley 39/2015, de 1 de octubre, del Procedimiento Administrativo Común de las Administraciones Públicas: https://www.boe.es/buscar/act.php?id=BOE-A-2015-10565&p=20151002&tn=1#a99.

([21]) Ley 27/2006, de 18 de julio, por la que se regulan los derechos de acceso a la información, de participación pública y de acceso a la justicia en materia de medio ambiente.

([22]) Id-Direttiva 2004/35/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' April 2004 dwar ir-responsabbiltà ambjentali f'dak li għandu x'jaqsam mal-prevenzjoni u r-rimedju għal danni ambjentali (ĠU L 143, 30.4.2004, p. 56).

([23]) Ara b'mod partikolari l-paragrafu 11 tal-kummenti tal-awtoritajiet Spanjoli fuq l-osservazzjonijiet tal-partijiet terzi sottomessi fis-27 ta' Lulju 2016.

tal-assi tal-operatur. Għalhekk, fil-każ li l-garanziji finanzjarji jkunu ferm aktar baxxi milli meħtieġ, l-amministrazzjoni pubblika tkun f'riskju li l-assi tal-operatur ma jkunux suffiċjenti għall-finanzjament tal-miżuri rilevanti li tkun eżegwixxiet. Dan jikkonferma li garanzija finanzjarja baxxa żżejjed iżżid ir-riskju li l-miżuri ta' riabilitazzjoni meħuda mill-amministrazzjoni ma jkunux koperti biżżejjed bl-assi tal-operatur (b'mod partikolari fil-każ li ma jkollux attivitajiet Spanjoli oħra, bħal fil-każ ta' Iberpotash) u jkollhom jitħallsu mir-riżorsi pubbliċi.

(99) Għalhekk, livell ta' garanziji li jkun ferm aktar baxx minn dak meħtieġ skont il-liġi jkun qed jesponi lill-Istat għal riskju konkret ta' piż addizzjonali fuq ir-riżorsi tiegħu. Ir-riskju miżjud ta' piż addizzjonali fuq l-Istat b'hekk ikun konkret biżżejjed biex jikkostitwixxi mill-inqas impatt potenzjali fuq ir-riżorsi tal-Istat minħabba livell baxx iżżejjed tal-garanzija finanzjarja.

(100) Il-livell tal-garanziji finanzjarji li jrid jiġi stabbilit minn Iberpotash ġie ffissat bid-deċiżjonijiet amministrattivi tal-Generalitat de Catalunya li approvaw il-permessi għall-operat tal-attività tagħha ta' estrazzjoni tal-potassa. Billi l-kunċett tal-Istat (Membru) għall-finijiet tal-applikazzjoni tal-Artikolu 107(1) tat-TFUE jinkludi l-livelli kollha ta' awtoritajiet pubbliċi, irrispettivament jekk humiex awtorità nazzjonali, reġjonali jew lokali, id-deċiżjoni li jiġi applikat livell imnaqqas ta' garanziji finanzjarji hija imputabbli lill-Istat.

(101) Għalhekk, il-Kummissjoni kkonkludiet li l-Miżura 1 involviet trasferiment ta' riżorsi tal-Istat u hija imputabbli lill-Istat.

5.1.1.3. ***Distorsjoni potenzjali tal-kompetizzjoni***

(102) Il-Kummissjoni tqis li l-kostijiet imnaqqsa ta' Iberpotash minħabba livell aktar baxx ta' garanziji finanzjarji milli meħtieġ skont il-leġiżlazzjoni rilevanti jistgħu jfixklu l-kompetizzjoni fis-swieq fejn Iberpotash hija attiva – fuq kollox is-swieq tal-potassa u tal-melħ. Kif qed jiġi spjegat aktar 'il quddiem (ara l-premessa 110 u s-segwenti), dan it-tnaqqis fil-kostijiet ammonta għal madwar EUR 1,8 miljun tul il-perjodu rilevanti u għalhekk, għall-kuntrarju ta' dak li qed isostnu l-awtoritajiet Spanjoli, ma kienx negliġibbli.

(103) Barra minn hekk, il-fatt li Iberpotash hija l-uniku produttur Spanjol tal-potassa ma jeskludix distorsjoni potenzjali tal-kompetizzjoni billi s-suq ġeografiku rilevanti huwa definittivament usa' mis-suq nazzjonali Spanjol. Fl-1993, il-Kummissjoni kienet diġà qieset li s-suq tal-potassa kien usa' minn Spanja, fejn inkludiet ukoll lil Franza, lir-Renju Unit u lil Stati Membri oħrajn barra l-Ġermanja ([24]). Barra minn hekk, Iberpotash, fir-Rapport ta' Sostenibbiltà tagħha tal-2014 ([25]) tindika li 23 % biss tal-produzzjoni tagħha tal-potassa u tal-melħ tinbiegħ fi Spanja filwaqt li 50 % sejrin lejn pajjiżi Ewropej oħrajn u 18 % lejn l-Amerika t'Isfel u hemm ukoll aktar bejgħ lejn l-Amerika ta' Fuq, l-Afrika u l-Asja. F'dawn ir-reġjuni kollha, Iberpotash qed tikkompeti ma' produtturi oħrajn tal-potassa u tal-melħ, u din il-kompetizzjoni tasal biex tiġi affettwata mill-kostijiet imnaqqsa b'mod artifiċjali ta' Iberpotash.

(104) Finalment, id-distorsjoni potenzjali tal-kompetizzjoni mhijiex iddubitata bl-argument ta' Iberpotash li, irrispettivament mil-livell tal-garanziji finanzjarji, l-obbligi ambjentali tagħha jibqgħu l-istess (jiġifieri l-iżgurar tar-riabilitazzjoni tas-siti tagħha u l-prevenzjoni tat-tniġġis) u li f'kull każ jenħtieġ li żżomm dispożizzjonijiet li jkopru responsabbiltà għal dannu ambjentali possibbli. Barra dawn id-dispożizzjonijiet tal-kontabbiltà, l-obbligu li żżomm garanziji finanzjarji speċifiċi b'konformità mal-leġiżlazzjoni rilevanti fil-fatt jippreżenta kostijiet operatorji normali, iżda speċifiċi mġarrba minn Iberpotash – jew minn kwalunkwe kumpanija tal-estrazzjoni oħra soġġetta għall-istess regoli – b'riżultat tal-imposti li l-bank jiċċarġja għall-istabbiliment u ż-żamma tal-garanzija, u l-livell baxx wisq tagħhom għalhekk għandhom il-potenzjal li jiffavorixxu lil Iberpotash u jfixklu l-kompetizzjoni.

(105) Għalhekk il-Kummissjoni tikkonkludi li l-Miżura 1 għandha l-potenzjal li tfixkel il-kompetizzjoni.

5.1.1.4. ***Effett negattiv fuq il-kummerċ fi ħdan l-UE***

(106) Kif diġà ġie indikat aktar 'il fuq, is-swieq tal-potassa u tal-melħ huma definittivament swieq transfruntiera bil-50 % tal-produzzjoni ta' Iberpotash li tiġi esportata lejn pajjiżi Ewropej oħrajn. Għalhekk, il-livell imnaqqas tal-garanziji finanzjarji jista' jasal biex jaffettwa l-kummerċ bejn l-Istati Membri tal-UE.

([24]) Ara d-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 94/449/KE tal-14 ta' Diċembru 1993 rigward proċediment skont ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 4064/89 (il-Każ Nru IV/M.308 - Kali- Salz/MdK/Treuhand) (ĠU L 186, 21.7.1994, p. 38).

([25]) Memoria de Sostenibilidad 2014, paġna 15, http://www.icliberia.com/noticia/icl-iberia-presents-the-sustainability-report.

(107) B'hekk, l-argument ta' Iberpotash li s-swieq tal-melħ huma biss nazzjonali jew saħansitra reġjonali minħabba l-kostijiet għoljin tat-trasport, mhuwiex appoġġat miċ-ċifri pprovduti minn Iberpotash fir-Rapport ta' Sostenibbiltà tagħha tal-2014 billi 80 % tal-produzzjoni tagħha tal-melħ qed tiġi esportata mhux biss lejn pajjiżi Ewropej oħrajn, iżda wkoll lejn l-Asja, l-Afrika ta' Fuq u l-Amerika. Barra minn hekk, l-osservazzjonijiet ta' Iberpotash dwar id-Deċiżjoni ta' Ftuħ huma kontradittorji rigward dan il-punt billi jsostnu minn naħa li s-suq tal-melħ huwa nazzjonali jew saħansitra reġjonali u min-naħa l-oħra li produttur Franċiż tal-melħ huwa l-kompetitur dirett tagħha u qed jipprova jeskludi lil Iberpotash mis-suq.

(108) Għalhekk il-Kummissjoni tikkonkludi li l-Miżura 1 taffettwa l-kummerċ fi ħdan l-UE.

5.1.1.5. ***Kwantifikazzjoni tal-għajnuna***

(109) L-istabbiliment tal-ammont reali tal-għajnuna l-ewwel jirrikjedi mill-inqas li jiġi ddeterminat ammont bejn wieħed u ieħor "korrett" tal-garanziji finanzjarji skont ir-regoli leġiżlattivi applikabbli tul il-perjodu rilevanti. Imbagħad, l-ammont tal-għajnuna jkun jikkorrispondi għad-differenza bejn l-ammont mistenni tal-imposti bankarji li Iberpotash kellha tħallas biex dan jikkostitwixxi l-ammont ta' garanzija ffissat b'mod korrett, u l-ammont annwali reali li l-kumpanija ħallset.

(110) Il-parti terza ssostni li l-ammont tal-għajnuna m'għandux jiġi limitat għall-imposti bankarji aktar baxxi, iżda għandu jinkludi wkoll il-ħtieġa li tiġi pprovduta kollateralizzazzjoni suffiċjenti lill-bank f'għamla ta' riżervi finanzjarji. Madankollu, minħabba li l-ammont tal-garanziji "kkorretti" bħalma ġie stmat hawn taħt huwa relattivament modest fid-dawl tal-fatturat annwali ta' Iberpotash (madwar EUR 300 miljun) u l-grupp kollu ta' ICL (USD 5,4 biljun), mhuwiex probabbli li l-iżgurar ta' ammont ogħla tal-garanzija jkun jeħtieġ kostijiet addizzjonali sinifikanti għall-kumpanija.

(111) Peress li, skont l-awtoritajiet Spanjoli, il-Qorti tal-Ġustizzja Superjuri ta' Barċellona sabet f'Diċembru tal-2016 li l-ammont miżjud ta' EUR 6 979 471,83 għas-sit ta' Balsareny/Sallent jikkonforma mal-leġiżlazzjoni applikabbli, il-Kummissjoni tqis li bħalissa, l-ammont "korrett" tal-garanziji għal Balsareny/Sallent jikkorrispondi għall-ammont attwalment applikabbli approvat mill-qorti.

(112) Barra minn hekk, il-Kummissjoni b'analoġija (ara wkoll il-premessa 64 ta' hawn fuq) tqis li l-ammont miżjud ta' EUR 6 160 872,35 għall-garanzija għal Súria applikabbli mill-2015 'il quddiem jista' jitqies ukoll konformi mal-leġiżlazzjoni applikabbli. Minkejja li m'hemmx konklużjoni awtorevoli minn qorti rigward dan is-sit, l-ammont miżjud tal-garanzija għal sit iżgħar f'Súria huwa fil-fatt komparabbli mal-ammont approvat għal Balsareny/Sallent. Dan jikkonferma li l-ammont jista' jitqies adegwat u konformi mal-leġiżlazzjoni applikabbli.

(113) Għalhekk, l-ammont korrett tal-garanziji bħalissa jikkorrispondi għal total ta' EUR 13 140 344,18.

(114) Madankollu, il-kalkolu ta' dan l-ammont jikkunsidra l-Pjan Phoenix li tħabbar fl-2011 u li ilu jiġi implimentat b'mod gradwali mill-2012. Il-pjan jipprevedi, fost l-oħrajn, investiment f'impjant tal-melħ bil-vakwu għall-ipproċessar u l-kummerċjalizzazzjoni tal-melħ inkluż fl-iskart mill-estrazzjoni tal-potassa. Skont il-pjan, Iberpotash għandha tasal biex tbigħ madwar 1,5 miljun tunnellata melħ fis-sena.

(115) Il-Kummissjoni taqbel mal-Istudju ERF li l-Pjan Phoenix fih innifsu ma jistax jitqies bħala miżura ta' riabilitazzjoni u fil-fatt ma jwaqqafx it-tkabbir tad-depożiti tal-iskart tul l-operat tal-minjieri. Madankollu, il-Kummissjoni tirrikonoxxi wkoll il-pretensjonijiet ta' Iberpotash u tal-awtoritajiet Spanjoli li l-pjan fil-fatt għandu impatt fuq il-kostijiet totali mistennija tar-riabilitazzjoni. L-Istudju ERF ma jikkunsidrax il-fatt li l-ipproċessar u l-bejgħ tal-melħ huwa probabbli li jkompli anki wara li jitwaqqfu l-attivitajiet ta' estrazzjoni tal-potassa. Il-Pjan Phoenix huwa għalhekk probabbli li jikkontribwixxi b'mod gradwali għall-eliminazzjoni tal-munzelli ta' skart fil-futur u b'hekk jista' jkun ikkunsidrat għall-iffissar tal-livell adegwat tal-garanziji kif ġara rigward il-livelli miżjuda tal-garanziji proposti fl-2015 u, għall-inqas għal Balsareny/Sallent, ġie kkonfermat mill-qorti nazzjonali.

(116) Madankollu, dan il-fatt ifisser li l-livell reali tal-garanziji finanzjarji ma jistax jitqies bħala adegwat għall-perjodu qabel il-bidu tal-Pjan Phoenix fl-2012. Anke jekk qabel ma tħabbar il-Pjan Phoenix, Iberpotash kienet tipproċessa u tbigħ ammonti pjuttost żgħar tal-melħ mill-munzelli tagħha ta' skart, il-parti l-kbira tal-iskart tal-melħ kien sempliċiment qed jiġi akkumulat fil-munzelli ta' skart bit-tama li jkun jista' jintuża b'mod kummerċjali fil-futur ([26]). Madankollu, ma kienx hemm pjan konkret dwar kif u meta se titkabbar il-faċilità tal-ipproċessar tal-melħ biex l-ammonti ta' skart tal-melħ eliminati b'dan il-mod ikunu aktar sostanzjali u jkollhom impatt apprezzabbli fuq il-kostijiet futuri tar-riabilitazzjoni. Għalhekk, rigward il-perjodu qabel it-tnedija tal-Pjan Phoenix, tali tnaqqis futur pjuttost ipotetiku tal-munzelli tal-iskart dovut għall-ipproċessar u l-bejgħ ta' ammonti sinifikanti ta' melħ ma għandux ikun ikkunsidrat

(117) B'hekk il-Kummissjoni jeħtiġilha tikkunsidra evidenza oħra disponibbli għall-istimar ta' ammont approssimattiv "korrett" tal-garanziji fil-perjodu 2006-2011 abbażi tal-kostijiet ta' riabilitazzjoni kif mistennija dakinhar, mingħajr l-impatt tal-Pjan Phoenix.

([26]) Ara l-kummenti ta' Iberpotash dwar id-Deċiżjoni ta' Ftuħ, il-paragrafu 23.

(118) Kif diġà ġie spjegat aktar 'il fuq (ara l-premessi 68-81), l-aktar stimi affidabbli tal-kostijiet ta' riabilitazzjoni totali mistennija (mingħajr il-Pjan Phoenix) ġew ipprovduti fl-Istudju ERF li ġie sottomess mill-ilmentatur. Il-Kummissjoni tqis kredibbli s-suppożizzjonijiet ta' din il-perizja minħabba li huma ġeneralment ibbażati fuq riċerka dwar is-suq u parametraġġ referenzjarju ma' siti simili x'imkien ieħor fid-dinja. Bil-kuntrarju, kif ġie spjegat hawn fuq, l-istudju pprovdut minn Iberpotash ma jistax jitqies bħala stima affidabbli tal-kostijiet mistennija ta' riabilitazzjoni peress li mhux qed iqis miżuri adegwati ta' riabilitazzjoni (ara l-premessa 79).

(119) L-Istudju ERF jistma li l-kostijiet totali tar-riabilitazzjoni se jammontaw għal mill-inqas EUR 71 miljun. Barra minn hekk, l-indikazzjonijiet kollha l-oħrajn ta' ammonti possibbilment korretti fl-Istudju ERF jew minn sorsi oħra (ara t-taqsima 5.1.1.1 ta' hawn fuq) huma saħansitra ogħla. Għaldaqstant, il-Kummissjoni tqis li fin-nuqqas ta' kwalunkwe stima aħjar għall-perjodu 2006-2011, il-kostijiet ta' riabilitazzjoni rilevanti mistennija li jridu jkunu kkunsidrati jammontaw għal EUR 71 miljun (EUR 24,8 miljun għal Súria u EUR 46,2 miljun għal Balsareny/Sallent).

(120) Finalment, skont l-Artikolu 3 tad-Digriet 202/1994 (il-leġiżlazzjoni applikabbli f'dak il-perjodu), l-ammont tal-garanziji finanzjarji li jirriżulta abbażi tal-Artikolu 2 (jiġifieri abbażi tal-kostijiet mistennija ta' riabilitazzjoni) irid jitnaqqas b'50 % għall-attivitajiet ta' estrazzjoni li ma jseħħux f'siti naturali ta' interess speċjali (inklużi s-siti ta' Iberpotash).

(121) Għalhekk, il-Kummissjoni tqis abbażi tal-evidenza disponibbli li l-ammont "korrett" tal-garanziji finanzjarji għall-attivitajiet ta' estrazzjoni ta' Iberpotash huwa mill-inqas EUR 12,4 miljun għal Súria (għall-perjodu 2006-2011) u EUR 23,1 miljun għal Balsareny/Sallent (għall-perjodu 2008-2011).

(122) Skont Iberpotash, il-kostijiet kurrenti tal-garanzija jammontaw għal 1 % tal-ammont tal-garanzija ta' kull sena. Bl-użu tal-ammonti korretti ta' garanzija ta' hawn fuq għaż-żewġ perjodi rilevanti, l-għajnuna totali mogħtija lil Iberpotash fl-għamla ta' imposti aktar baxxi fuq il-garanziji, ta' kull sena tkun tammonta għal 1 % tad-differenza bejn l-ammont "korrett" u l-ammont reali stabbilit għal dik is-sena, kif muri fit-tabella li ġejja.

Tabella 3

Kalkolu tal-ammont tal-għajnuna

(eluf ta' EUR, ammont arrotondit)	2006	2007	2008	2009	2010	2011	2012	2013	2014	2015	2016
Balsareny/Sallent											
— garanzija reali	—	—	1 130	1 130	1 130	1 130	1 130	1 130	1 130	1 130	1 130
— garanzija "korretta"	—	—	23 100	23 100	23 100	23 100	6 979	6 979	6 979	6 979	6 979
— differenza fl—imposti	—	—	146,5 [1]	219,7	219,7	219,7	58,5	58,5	58,5	58,5	58,5
Súria											
— garanzija reali	774	774	828	828	828	828	828	828	828	828	6 161
— garanzija "korretta"	12 400	12 400	12 400	12 400	12 400	12 400	6 160	6 160	6 160	6 160	6 160
— differenza fl-imposti	9,7 [2]	116,3	115,7	115,7	115,7	115,7	53,3	53,3	53,3	53,3 [3]	0
Differenza totali fl-imposti għal Iberpotash	**9,7**	**116,3**	**262,2**	**335,4**	**335,4**	**335,4**	**111,8**	**111,8**	**111,8**	**76,3**	**58,5**

[1] Peress li l-garanzija għal Balsareny/Sallent ġiet iffissata bl-awtorizzazzjoni maħruġa fid-29 ta' April 2008, id-differenza fl-imposti ta' garanzija għal Balsareny/Sallent f'din is-sena hija kkalkulata bħala 8/12 tal-ammont annwali.

[2] Peress li l-garanzija għal Súria ġiet stabbilita bl-awtorizzazzjoni maħruġa fid-9 ta' Novembru 2006, id-differenza fl-imposti ta' garanzija għal Súria f'din is-sena hija kkalkulata bħala 1/12 tal-ammont annwali.

[3] Peress li l-garanzija għal Súria żdiedet għall-ammont "korrett" minn Mejju tal-2015, id-differenza fl-imposti ta' garanzija għal Súria f'din is-sena hija kkalkulata bħala 4/12 tal-ammont annwali.

(123) Għaldaqstant, l-ammont totali tal-għajnuna mogħtija lil Iberpotash, fl-għamla ta' imposti bankarji aktar baxxi għal-livell imnaqqas tal-garanziji għall-perjodu kollu 2006-2016, jikkorrispondi għal EUR 1 864 622.

Din l-għajnuna ngħatat fil-mument li fih ġew stabbiliti l-livelli mnaqqsa tal-garanziji fl-awtorizzazzjonijiet ambjentali maħruġa mill-awtoritajiet Spanjoli, jiġifieri fis-6 ta' Novembru 2006 għal Súria u fid-29 ta' April 2008 għal Balsareny/Sallent.

5.1.1.6. ***Konklużjoni dwar l-eżistenza ta' għajnuna: Miżura 1***

(124) Fid-dawl ta' dak li ntqal hawn fuq, il-Kummissjoni tasal għall-opinjoni li l-Miżura 1 tikkostitwixxi għajnuna mill-Istat, u għalhekk se tivvaluta l-legalità u l-kompatibbiltà tagħha mas-suq intern.

5.1.2. MIŻURA 4: INVESTIMENT FIL-KISI TAL-MUNZELL TA' SKART TA' VILAFRUNS

(125) Fis-17 ta' Diċembru 2007, il-Ministeru tal-Ambjent ta' Spanja u l-Generalitat de Catalunya ffirmaw konvenzjoni li biha qablu li jikkooperaw u jaqsmu l-kostijiet rigward il-proġett immirat biex jitgħatta l-munzell ta' skart ta' Vilafruns biex b'hekk jitnaqqas l-impatt ambjentali negattiv tiegħu. Il-Ministeru tal-Finanzi qabel li jikkontribwixxi EUR 4 miljun għall-kost ta' investiment filwaqt li l-bqija kellha tiġi koperta mill-Agencia Catalana del Agua, impriża pubblika ġestita mill-Generalitat de Catalunya. Ix-xogħlijiet tal-proġett bdew f'Awwissu 2008 u damu 18-il xahar. Il-kost totali ta' investiment ammonta għal EUR 7 887 571 u kollu kemm hu ġie kopert minn awtoritajiet pubbliċi, kif ġie miftiehem fil-konvenzjoni tal-2007.

(126) Il-proġett ikkonsista fil-kisi tal-munzell ta' skart ta' Vilafruns b'kisja impermeabbli ("lámina impermeable") li tissiġilla l-munzell ta' skart u tiżola l-iskart ta' melħ minn kull kuntatt mal-ilma minn barra u b'hekk tipprevjeni kwalunkwe tnixxija tal-melħ mill-munzell. Il-kisja kienet protetta minn fojls ġeotessili u miksija bil-ħamrija biex b'hekk setgħet titħawwel il-veġetazzjoni fuq il-munzell miksi.

(127) Il-munzell ta' skart ta' Vilafruns jinsab fis-sit ta' Iberpotash u jifforma parti mill-proprjetà tagħha. Huwa ġie ttrasferit lilha bħala parti mill-ftehim tax-xiri tal-21 ta' Ottubru 1998, li bih Iberpotash akkwistat l-attivitajiet ta' estrazzjoni fir-reġjun Katalan mis-Sociedad Estatal de Participaciones Industriales – SEPI, kumpanija azzjonarja pubblika tal-Istat Spanjol. Fiż-żmien tat-trasferiment, il-munzell ta' skart kien diġà inattiv, minħabba li l-operat tal-minjiera li kien jifforma parti minnha l-munzell ta' skart ta' Vilafruns kien ilu wieqaf sa mill-1973.

5.1.2.1. ***Vantaġġ ekonomiku selettiv***

(128) Kif indikat hawn fuq, l-investiment fil-kisi tal-munzell ta' skart ta' Vilafruns fis-sit ta' Iberpotash u taħt is-sjieda tagħha ġie ffinanzjat kollu minn awtoritajiet pubbliċi. Iberpotash iġġarrab biss il-kostijiet tal-manutenzjoni tal-installazzjoni tul il-ħajja tagħha.

(129) Il-kisja, li twettqet fil-perjodu 2008-2009, tirrelata ma' munzell ta' skart li ilu proprjetà ta' Iberpotash mill-1998, meta s-sit ġie pprivatizzat flimkien ma' siti oħrajn tal-estrazzjoni tal-potassa fir-reġjun. Il-munzell huwa relatat ma' minjiera li waqfet topera fl-1973, u b'hekk Iberpotash ħadet f'idejha s-sit meta dan ma kienx baqa' jitħaddem. Għalhekk Iberpotash targumenta li ma għandha ebda obbligu tieħu miżuri biex tipprevjeni t-tniġġis mill-munzell, la mil-leġiżlazzjoni nazzjonali u lanqas minn dik tal-Unjoni peress li oriġinarjament mhux Iberpotash kienet l-impriża li kkawżat it-tniġġis.

(130) L-awtoritajiet Spanjoli ma jaqblux ma' dawn l-argumenti ta' Iberpotash u jsostnu li Iberpotash għandha obbligu ġenerali li tieħu miżuri xierqa biex tipprevjeni t-tniġġis mill-munzell ta' skart fis-sjieda tagħha u timmaniġġjah b'konformità man-normi ġuridiċi applikabbli. B'hekk, Iberpotash hija responsabbli għall-iżgurar tal-miżuri ta' ħarsien tal-ambjent meħtieġa taħt il-leġiżlazzjoni rilevanti u wkoll għal kwalunkwe ħsara ambjentali kkawżata minn dan il-munzell.

(131) Barra minn hekk, il-kummenti tal-parti terza jindikaw ir-responsabbiltà ta' Iberpotash għall-ġestjoni ta' Vilafruns mill-mument stess li d-drittijiet tat-tħaffir ġew ittrasferiti lilha. Din ir-responsabbiltà kienet ibbażata fuq l-Att Spanjol 6/1993 tal-15 ta' Lulju 1993 dwar il-ġestjoni tal-iskart u wkoll fuq id-Digriet Legali Rjali 1/2001 tal-20 ta' Lulju 2001, li jabbozza mill-ġdid l-Att Spanjol dwar l-Ilma. Il-parti terza ssostni li l-fatt li Vilafruns ma kienx attiv iżjed meta ġie akkwistat minn Iberpotash huwa irrelevanti peress li kwalunkwe detentur ta' konċessjoni tat-tħaffir jeħtieġlu jimmaniġġja kwalunkwe skart tal-minjieri fl-intier tiegħu, jiġifieri inkluż kull skart iġġenerat qabel l-akkwiżizzjoni tal-konċessjoni mid-detentur.

(132) Il-Kummissjoni tqis li l-fatt li l-minjiera fil-post tal-munzell ta' skart ta' Vilafruns waqfet topera diġà fl-1973 ma jeskludix, fih innifsu, ir-responsabbiltà ta' Iberpotash bħala s-sid tagħha biex tiżgura r-riabilitazzjoni adegwata. Kif ġie kkonfermat mill-awtoritajiet Spanjoli, il-pjanijiet ta' riabilitazzjoni kollha, inkluż il-pjan tal-2008, inkludew miżuri speċifiċi ta' riabilitazzjoni li Iberpotash kienet obbligata tieħu rigward il-munzell ta' Vilafruns. Skont l-Artikolu 121 tal-Att Spanjol dwar il-Minjieri tal-1973, in-nuqqas li jiġu ssodisfati l-obbligi inklużi fil-pjan ta' riabilitazzjoni kien jikkostitwixxi ksur serju. Barra minn hekk, l-awtoritajiet Spanjoli jikkonfermaw li, b'konformità mal-leġiżlazzjoni applikabbli dwar il-ħarsien tal-ilma, Iberpotash kienet dejjem obbligata tieħu l-miżuri meħtieġa biex jiġi evitat it-tniġġis tal-ilma mill-istallazzjonijiet kollha tagħha, inkluż il-munzell ta' Vilafruns. Il-Kummissjoni tinnota wkoll li skont l-Artikolu 4 tad-Direttiva dwar l-Iskart mill-Estrazzjoni, l-operatur għandu jieħu l-miżuri kollha meħtieġa sabiex jipprevjeni u jnaqqas kemm jista' jkun kwalunkwe effett negattiv fuq l-ambjent, anki fil-każ tal-immaniġġar ta' faċilità tal-iskart wara l-għeluq tagħha.

(133) Iberpotash issostni wkoll li l-ftehim tax-xiri għas-sit jinkludi klawżola li tista' tiġi interpretata b'tali mod li teskludi r-responsabbiltà ta' Iberpotash li tirriżulta minn attivitajiet ta' qabel l-1997, jiġifieri inkluża kull responsabbiltà għall-munzell ta' skart. F'dan ir-rigward, Iberpotash tirreferi għal sentenza tal-Qorti Suprema tal-14 ta' Mejju 2009, b'ċitazzjoni tad-dispożizzjoni fil-kuntratt tax-xiri li tistipula li l-parti li tbiegħ għandha tikkumpensa lix-xerrej għal kwalunkwe obbligu li jirriżulta minn pretensjonijiet ta' partijiet terzi b'rabta ma' fatti ta' qabel it-trasferiment li ma kinux riflessi fil-karta tal-bilanċ u li ma kinux evidenti tul il-proċess tad-diligenza dovuta. Iberpotash targumenta li l-obbligi relatati mar-riabilitazzjoni ta' Vilafruns ma kinux evidenti qabel il-bejgħ u li ma kienx hemm provvedimenti relatati fil-karta tal-bilanċ minħabba l-fatt li ma kinux jeżistu tali obbligi ġuridiċi dak iż-żmien.

(134) Madankollu, l-awtoritajiet Spanjoli jindikaw li l-ftehim dwar il-bejgħ tal-ishma tal-1998 ma kien jinkludi l-ebda dispożizzjoni speċifika li kienet tobbliga lill-bejjiegħ jassumi kwalunkwe responsabbiltà tax-xerrej wara t-trasferiment tal-ishma.

(135) Il-Kummissjoni tinnota wkoll li d-dispożizzjoni ċċitata fis-sentenza tal-Qorti Suprema x'aktarx hija dispożizzjoni kuntrattwali standard li tipproteġi lill-bejjiegħ kontra pretensjonijiet sussegwenti ta' partijiet terzi b'rabta ma' fatti mhux magħrufa waqt il-bejgħ. Madankollu, Iberpotash ma tistax issostni li ma kinitx konxja tal-munzell ta' skart eżistenti f'Vilafruns li sar sjieda tagħha bħala parti mit-tranżazzjoni u tar-responsabbiltà ġenerali tad-detentur tal-iskart li jiżgura l-ġestjoni xierqa tal-faċilitajiet tiegħu tal-iskart. Il-fatt li Iberpotash aċċettat l-obbligi ambjentali rigward il-munzell ta' Vilafruns f'diversi pjanijiet ta' riabilitazzjoni jikkonferma li hija kienet konxja ta' dawn ir-responsabbiltajiet.

(136) B'hekk, il-Kummissjoni tqis li bħala konsegwenza tal-akkwiżizzjoni tal-attivitajiet ta' estrazzjoni tal-potassa fil-Katalonja fl-1998, Iberpotash kienet responsabbli biex tiżgura l-ġestjoni xierqa tal-munzell ta' skart ta' Vilafruns b'konformità man-normi ġuridiċi applikabbli.

(137) Madankollu, filwaqt li jaċċettaw din il-konklużjoni, l-awtoritajiet Spanjoli jsostnu li l-obbligi ta' Iberpotash ma kinux jinkludu l-kisi tal-munzell ta' skart ta' Vilafruns. Skont l-awtoritajiet Spanjoli, l-obbligi ta' Iberpotash kienu jkunu ssodisfati b'miżuri sostanzjalment irħas li kienu ġew inklużi fil-pjan ta' riabilitazzjoni oriġinali tagħha tal-2008 (b'mod partikolari l-installazzjoni ta' sistema ta' tubi/drenaġġ, tipi oħra ta' protezzjoni u riabilitazzjoni b'kost totali ta' madwar EUR […] (*)). Għalhekk, huma jargumentaw, flimkien ma' Iberpotash, li l-investiment pubbliku fil-kisi tal-munzell ma jikkostitwixxix vantaġġ ekonomiku għal Iberpotash peress li l-kostijiet iffrankati minnha (EUR […]) huma aktar milli kkumpensati mill-kostijiet ta' manutenzjoni li hija jkollha ġġarrab tul il-ħajja tal-installazzjoni (li jammontaw għal EUR […] għall-perjodu minn Marzu tal-2015 sa Marzu tal-2016) u l-kostijiet tal-opportunità li ma tistax tipproċessa u tbiegħ il-melħ mill-munzell miksi ta' Vilafruns bħalma qed tippjana li tagħmel fil-każ tal-munzelli l-oħra tagħha ([27]).

(138) Il-Kummissjoni tqis li, irrispettivament mil-livell tal-obbligi ta' Iberpotash rigward Vilafruns, ma jistax jiġi aċċettat li investiment pubbliku ta' EUR 7,9 miljun f'ħarsien tal-ambjent ferm aħjar u li, bi prinċipju, jikkorrispondi għar-riabilitazzjoni tas-sit ta' estrazzjoni mingħajr l-ebda kost ta' investiment għal Iberpotash ma kien fil-fatt iwassal għall-ebda vantaġġ ekonomiku ta' Iberpotash. L-installazzjoni tal-kisi tal-munzell ta' skart kellha l-għan li tnaqqas b'mod sinifikanti t-tniġġis ikkawżat minn tnixxijiet mill-munzell ta' Vilafruns. Il-miżuri alternattivi fin-nuqqas ta' għajnuna ma kinux se jipprovdu protezzjoni daqshekk tajba u fit-tul u kienu se jesponu lil Iberpotash għar-riskju li jkollha ġġarrab il-konsegwenzi tat-tniġġis (kif juru s-sentenzi kriminali tat-18 ta' Diċembru 2014 u tal-25 ta' Frar 2015 b'rabta ma' siti oħra tal-estrazzjoni – ara l-premessi 27 u 94 tad-Deċiżjoni ta' Ftuħ). Għaldaqstant, il-kostruzzjoni tal-faċilità mħallsa minn riżorsi pubbliċi tat lil Iberpotash il-possibbiltà li tipprevjeni aħjar it-tniġġis, it-tnaqqis tar-riskji ambjentali għall-futur u li tipprovdi riabilitazzjoni fit-tul tal-munzell (b'konformità ma riabilitazzjonijiet simili ta' munzelli ta' skart tal-melħ fi Franza jew fil-Ġermanja, kif ġie spjegat aktar 'il fuq fil-premessi 26 u 32). Iberpotash kienet tkun obbligata fl-aħħar mill-aħħar li tiżgura riabilitazzjoni xierqa tal-munzell ta' skart ta' Vilafruns.

(*) Informazzjoni kunfidenzjali

([27]) Ara l-osservazzjonijiet tal-awtoritajiet Spanjoli dwar id-Deċiżjoni ta' Ftuħ, paragrafu 55.

(139) U fl-aħħar, il-Kummissjoni tqis li l-miżura hija selettiva peress li hija mmirata speċifikament għall-finanzjament pubbliku tal-kisi tal-munzell ta' skart ta' Vilafruns fis-sjieda ta' Iberpotash. L-awtoritajiet Spanjoli jargumentaw li l-miżura ma tistax tkun selettiva peress li Iberpotash hija l-unika kumpanija tal-estrazzjoni tal-potassa fi Spanja u għalhekk ma hemmx il-possibbiltà li titqabbel ma' kumpaniji oħra. Madankollu, il-fatt li Iberpotash hija l-unika kumpanija tal-estrazzjoni tal-potassa fi Spanja ma jinvalidax is-selettività tal-miżura, li hija mmirata b'mod ċar għal faċilità tal-iskart speċifikament identifikata u mhux għal kwalunkwe waħda oħra.

(140) Għaldaqstant, il-Kummissjoni tikkonkludi li l-Miżura 4 pprovdiet vantaġġ ekonomiku selettiv lil Iberpotash.

5.1.2.2. ***Trasferiment ta' riżorsi tal-Istat***

(141) Il-kost ta' investiment totali tal-kisi tal-munzell ta' skart ta' Vilafruns tħallas minn awtoritajiet pubbliċi, EUR 4 miljun mill-Ministeru tal-Ambjent ta' Spanja u l-bqija, li jammontaw għal EUR 3 887 571, mill-Agencia Catalana del Agua, impriża pubblika mmaniġġjata mill-Generalitat de Catalunya, li b'hekk onorat l-impenn tagħha li tkopri l-bqija tal-kostijiet tal-investiment, li l-Generalitat de Catalunyua aċċettat fil-konvenzjoni tas-17 ta' Diċembru 2007.

(142) La l-awtoritajiet Spanjoli u lanqas Iberpotash ma sostnew l-assenza ta' riżorsi tal-Istat rigward din il-miżura.

(143) Barra minn hekk, id-deċiżjoni li jiġi pprovdut finanzjament pubbliku għall-kisi tal-munzell ta' skart ta' Vilafruns ittieħdet mill-Ministeru tal-Ambjent ta' Spanja u l-Generalitat de Catalunya u b'hekk hija imputabbli lill-Istat b'mod ċar.

(144) Għalhekk, il-Kummissjoni tikkonkludi li l-Miżura 4 involviet trasferiment ta' riżorsi tal-Istat u hija imputabbli għall-Istat.

5.1.2.3. ***Distorsjoni potenzjali tal-kompetizzjoni***

(145) Kif ġie indikat hawn fuq fid-dettall (ara l-premessi 103 u 105), Iberpotash tinsab f'kompetizzjoni ma' produtturi oħrajn tal-potassa u tal-melħ. Għaldaqstant, il-fatt li mill-inqas parti mill-obbligi ambjentali tagħha rigward Vilafruns ġew iffinanzjata minn riżorsi pubbliċi jasal biex ifixkel il-kompetizzjoni billi b'mod artifiċjali jitnaqqsu l-kostijiet ta' Iberpotash u b'hekk jiġi pprovdut vantaġġ indebitu vis-à-vis il-kompetituri tagħha.

(146) Għalhekk il-Kummissjoni tikkonkludi li l-Miżura 4 għandha l-potenzjal li tfixkel il-kompetizzjoni.

5.1.2.4. ***Effett negattiv fuq il-kummerċ fi ħdan l-UE***

(147) Kemm il-potassa kif ukoll il-melħ huma nnegozjati fi ħdan l-UE (ara l-premessi 106 u 107 ta' hawn fuq), u għalhekk il-Kummissjoni tikkonkludi li l-Miżura 4 taffettwa l-kummerċ fi ħdan l-UE.

5.1.2.5. ***Konklużjoni dwar l-eżistenza ta' għajnuna: Miżura 4***

(148) Fid-dawl ta' dak li ntqal hawn fuq, il-Kummissjoni tasal għall-fehma li l-Miżura 4 tikkostitwixxi għajnuna mill-Istat li tammonta għal EUR 7 887 571, u għalhekk sejra tivvaluta l-legalità u l-kompatibbiltà tagħha mas-suq intern.

5.2. *LEGALITÀ TAL-GĦAJNUNA*

(149) Kemm il-Miżura 1 kif ukoll il-Miżura 4 ingħataw bi ksur tan-notifika u tal-obbligi ta' sospensjoni stabbiliti mill-Artikolu 108(3) tat-TFUE. Għaldaqstant, il-Kummissjoni tqis li ż-żewġ miżuri jikkostitwixxu għajnuna mill-Istat illegali.

5.3. *IL-KOMPATIBBILTÀ TAL-GĦAJNUNA*

5.3.1. MIŻURA 1: LIVELL IMNAQQAS TAL-GARANZIJI FINANZJARJI

(150) La l-awtoritajiet Spanjoli u lanqas Iberpotash ma jallegaw raġunijiet ta' kompatibbiltà għall-għajnuna fl-għamla ta' garanziji finanzjarji aktar baxxi milli meħtieġ skont il-liġi rilevanti.

(151) Il-Kummissjoni tqis li l-miżura tikkostitwixxi għajnuna operatorja lil Iberpotash billi ppermettiet li l-kost ikkawżat mill-imposti fuq il-garanziji jkun aktar baxx milli meħtieġ waqt il-perjodu twil bejn l-2006 u l-2016.

(152) Il-Kummissjoni ma sabet l-ebda raġuni possibbli ta' kompatibbiltà għal tali għajnuna operatorja mogħtija mingħajr segwiment ta' objettiv apparenti ta' interess komuni, u b'hekk tikkonkludi li l-miżura li tikkonsisti f'livell imnaqqas tal-garanziji finanzjarji ta' Iberpotash tikkostitwixxi għajnuna inkompatibbli f'għamla ta' imposti bankarji aktar baxxi li jirriżultaw mil-livell aktar baxx milli suppost tal-garanziji finanzjarji.

5.3.2. MIŻURA 4: INVESTIMENT BIEX JITGĦATTA L-MUNZELL TA' SKART TA' VILAFRUNS

(153) L-awtoritajiet Spanjoli jargumentaw li fil-każ li l-kisi tal-munzell ta' skart ta' Vilafruns tikkostitwixxi għajnuna mill-Istat, tkun kompatibbli abbażi tat-taqsima 3.1.1 tal-Linji Gwida dwar l-Għajnuna Ambjentali 2008, li tirrigwarda l-għajnuna ambjentali għall-intrapriżi li jmorru lil hinn mill-istandards tal-Unjoni jew li jżidu l-livell tal-ħarsien tal-ambjent fl-assenza ta' standards tal-Unjoni.

(154) Huma jsostnu li l-kisi tal-munzell ta' skart huwa proġett pilota mmirat għall-ittestjar ta' teknoloġija ġdida għall-prevenzjoni ta' tnixxijiet minn munzelli ta' skart tal-melħ. Is-sit ta' Vilafruns allegatament intgħażel għal dan il-proġett pilota minħabba l-karatteristiċi partikolari tiegħu (il-volum iżgħar, il-post tiegħu bħala l-ewwel munzell tal-melħ fuq nett tax-Xmara Llobregat, il-fatt li ilu inattiv għal deċennji). Billi jipprovdi lill-awtoritajiet b'*data* dwar riżultati reali, ikun qed jagħtihom il-possibbiltà li jindirizzaw aħjar il-problema ġenerali tal-munzelli ta' skart tal-melħ fir-reġjun. F'dan ir-rigward, il-proġett huwa mistenni li jikkontribwixxi għall-preservazzjoni, il-protezzjoni u r-riabilitazzjoni tal-ambjent fir-reġjun tal-baċir tax-xmara Llobregat u b'hekk isegwi objettiv ta' interess komuni.

(155) L-awtoritajiet Spanjoli jispjegaw ukoll li l-proġett jifforma parti minn pjan ġenerali għal ġestjoni mtejba tal-baċir tal-ilma Katalan, inklużi diversi miżuri, xi whud minnhom iffinanzjati minn riżorsi pubbliċi u oħrajn minn riżorsi privati.

(156) Il-Kummissjoni tqis li l-Linji Gwida dwar l-Għajnuna Ambjentali 2008 fil-fatt jipprovdu bażi għall-valutazzjoni tal-kompatibbiltà fil-każ kurrenti. B'mod partikolari, il-punt 205 tal-Linji Gwida dwar l-Għajnuna Ambjentali 2008 moqri f'konnessjoni mal-punt 248 tal-Linji Gwida dwar l-għajnuna mill-Istat għall-protezzjoni ambjentali u l-enerġija tal-2014 ([28]) jippermetti lill-Kummissjoni tapplika r-regoli stipulati fil-Linji Gwida dwar l-Għajnuna Ambjentali 2008 f'każijiet ta' għajnuna illegali mogħtija tul il-perjodu 2009-2011.

(157) Skont it-taqsima 3.1.1 tal-Linji Gwida dwar l-Għajnuna Ambjentali 2008, għajnuna għall-investiment li tippermetti lill-impriżi jmorru lil hinn mill-istandards tal-Unjoni għall-protezzjoni ambjentali jew li jżidu l-livell ta' protezzjoni ambjentali fin-nuqqas ta' standards tal-Unjoni għandha titqies kompatibbli mas-suq komuni skont it-tifsira tal-Artikolu 87(3)(c) tat-Trattat tal-KE [issa l-Artikolu 107(3)(c) TFUE] kemm-il darba jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet stabbiliti fil-punti 74 sa 84 u t-taqsima 3.2 tal-Linji Gwida dwar l-Għajnuna Ambjentali 2008.

(158) L-istandards tal-Unjoni għar-riabilitazzjoni tal-iskart mill-estrazzjoni huma stipulati fid-Direttiva dwar l-Iskart mill-Estrazzjoni. Madankollu, skont l-Artikolu 24(4) tad-Direttiva, l-Artikoli 5, 6(3) sa (5), 7, 8, 12(1) u (2) u 14(1) sa (3) m'għandhomx japplikaw għal dawk il-faċilitajiet ta' skart li waqfu milli jaċċettaw skart qabel l-1 ta' Mejju 2006, bħalma huwa l-każ tal-munzell ta' skart ta' Vilafruns. Għaldaqstant, fil-każ inkwistjoni m'hemm ebda standard speċifiku tal-Unjoni li kieku jistabbilixxi l-livell li għandu jintlaħaq mill-munzell ta' skart ta' Vilafruns f'termini ambjentali.

(159) Parti terza partikolari ssostni li fl-2008-2009 diġà, Iberpotash kienet soġġetta għall-obbligu ġuridiku immedjat li tiżgura li l-munzell ikun mgħotti, għalkemm mingħajr ma tipprovdi evidenza speċifika għal dawn il-pretensjonijiet. F'kull każ, il-Kummissjoni tqis li minkejja li Iberpotash kienet eventwalment se tkun obbligata tiżgura riabilitazzjoni xierqa tal-munzell ta' skart ta' Vilafruns fil-futur, ma kienx hemm tali obbligu fl-2008-2009, u fin-nuqqas ta' għajnuna, Iberpotash kienet tkun kapaċi tkompli timmaniġġja l-munzell ta' skart billi tissodisfa l-obbligi tagħha skont il-pjan ta' riabilitazzjoni ambjentali applikabbli.

(160) B'konformità mal-punt 79 tal-Linji Gwida tal-Għajnuna Ambjentali 2008, l-intensità tal-għajnuna ta' tali għajnuna m'għandhiex taqbeż il-50 % tal-kostijiet eliġibbli fil-każ tal-intrapriżi l-kbar. Fejn l-investiment ikun jirrigwarda l-akkwist ta' ass ta' ekoinnovazzjoni jew it-tnedija ta' proġett ta' ekoinnovazzjoni, l-intensità tal-għajnuna tista' tiġi miżjuda b'10 punti perċentwali, kemm-il darba jiġu sodisfatti l-kundizzjonijiet tal-punt 78 tal-Linji Gwida għall-Għajnuna Ambjentali 2008. Barra minn hekk, l-intensità tal-għajnuna tista' tilħaq 100 % fejn l-għajnuna għall-investiment tingħata fi proċess ta' offerti ġenwinament kompetittiv fuq il-bażi ta' kriterji ċari, trasparenti

([28]) Komunikazzjoni mill-Kummissjoni – Linji Gwida dwar l-għajnuna mill-Istat għall-ħarsien ambjentali u l-enerġija 2014-2020 (ĠU C 200, 28.6.2014, p. 1).

u nondiskriminatorji, sabiex ikun żgurat effettivament li l-għajnuna tkun limitata għall-ammont minimu meħtieġ biex jinkiseb il-gwadann ambjentali (ara l-punt 77 tal-Linji Gwida dwar l-Għajnuna Ambjentali 2008) tali proċess ta' offerti jrid ikun nondiskriminatorju u jipprovdi għall-parteċipazzjoni ta' għadd suffiċjenti ta' impriżi. Barra minn hekk, il-baġit relatat mal-proċess ta' offerti għandu jkun restrizzjoni vinkolanti fis-sens li mhux il-parteċipanti kollha jistgħu jirċievu għajnuna.

(161) Skont il-punt 80 tal-Linji Gwida dwar l-Għajnuna Ambjentali 2008, il-kostijiet eliġibbli għandhom ikunu limitati għall-kostijiet ta' investiment addizzjonali meħtieġ biex jinkiseb livell ogħla ta' protezzjoni ambjentali, filwaqt li jitnaqqsu kwalunkwe benefiċċji operazzjonali u tiżdied kwalunkwe kost operattiva tul l-ewwel ħames snin. Fin-nuqqas ta' standards tal-Unjoni, dawn il-kostijiet ta' investiment addizzjonali jikkonsistu fl-kostijiet ta' investiment meħtieġa sabiex jintlaħaq livell ta' protezzjoni ambjentali ogħla minn dak illi l-impriża jew l-impriżi inkwistjoni kienu jilħqu fin-nuqqas ta' kwalunkwe għajnuna ambjentali (ara l-punt 84(c) tal-Linji Gwida dwar l-Għajnuna Ambjentali 2008).

(162) Fil-każ inkwistjoni, l-awtoritajiet Spanjoli jargumentaw li qabel l-investiment fil-kisi tal-munzell, il-pjan ta' riabilitazzjoni applikabbli ta' Iberpotash kien jinkludi miżuri ta' riabilitazzjoni speċifiċi għall-munzell ta' skart ta' Vilafruns immirati biex jillimitaw it-tnixxijiet mill-munzell ta' skart u b'hekk jimminimizzaw l-impatt tiegħu fuq l-ambjent. l-kostijiet mistennija ta' dawn il-miżuri, li jikkostitwixxu sitwazzjoni kontrafattwali fl-assenza ta' għajnuna mill-Istat konformi mal-punt 81(a) tal-Linji Gwida dwar l-Għajnuna Ambjentali 2008, ammontaw għal EUR […]. Il-Kummissjoni tifhem li dawn il-miżuri kienu jitqiesu suffiċjenti mill-awtoritajiet Spanjoli għall-iżgurar tas-sodisfazzjon tal-obbligi ambjentali applikabbli dak iż-żmien għall-munzell ta' skart inattiv ta' Vilafruns.

(163) Barra minn hekk, kif ġie spjegat mill-awtoritajiet Spanjoli, il-kisi tal-munzell ta' skart ta' Vilafruns kien jitqies bħala hekk imsejjaħ "proġett pilota" bil-għan li tiġi vverifikata fil-prattika l-adegwatezza ta' dak il-metodu ta' riabilitazzjoni għall-indirizzar tal-problemi ambjentali tar-reġjun ta' Llobregat. Għalhekk, il-kisi ma sarx minħabba xi obbligu ġuridiku reali li jimponi dan, iżda aktar fid-dawl ta' interess pubbliku aktar ġenerali biex jinstab l-aktar metodu ta' riabilitazzjoni adegwat sabiex fil-futur jiġi implimentat għall-munzelli ta' skart kollha l-oħra li jaffettwaw l-ambjent tar-reġjun.

(164) Għalhekk, il-kisi tal-munzell ta' skart ta' Vilafruns fl-2008-2009 tat lil Iberpotash il-possibbiltà li żżid il-livell tal-protezzjoni tal-ambjent b'riżultat tal-attivitajiet tagħha fin-nuqqas ta' standards tal-Unjoni skont il-punt 74(b) tal-Linji Gwida dwar l-Għajnuna Ambjentali 2008.

(165) Fid-dawl ta' dak li ntqal hawn fuq, il-kostijiet ta' investiment addizzjonali għall-proġett ta' investiment ikunu jammontaw għal kost ta' investiment ta' EUR 7 887 571 nieqes il-kost ta' EUR […] fix-xenarju kontrofattwali. Billi Vilafruns ilu ma jopera għal għadd ta' snin, m'hemmx benefiċċji operatorji mill-kisi tal-munzell ta' skart. Il-kostijiet operatorji għall-manutenzjoni tal-installazzjoni ammontaw għal EUR […] tul l-aħħar sena skont l-awtoritajiet Spanjoli. Bl-assunzjoni li jibqgħu f'dan il-livell tul l-ewwel ħames snin, l-ammont totali tal-kostijiet operatorji li jridu jiżdiedu mal-kostijiet eliġibbli ikun ta' EUR […]. Il-kostijiet eliġibbli totali b'hekk jammontaw għal EUR 7 804 922,60 ([29]).

(166) Peress li l-għajnuna ammontat għall-kost ta' investiment totali ta' EUR 7 887 571, hija tikkorrispondi għal aktar minn 100 % tal-kostijiet eliġibbli.

(167) L-awtoritajiet Spanjoli ma pprovdew l-ebda evidenza li l-munzell ta' skart ta' Vilafruns kien se jintgħażel fost għadd ikbar ta' proġetti oħra possibbli fi proċess ta' offerti ġenwinament kompetittiv abbażi ta' kriterji ċari, trasparenti u nondiskriminatorji. Fil-fatt, il-munzell intgħażel mill-awtoritajiet Spanjoli biss minħabba l-karatteristiċi tiegħu, li tqiesu adegwati għall-proġett (ara l-premessa 154 ta' hawn fuq). Għalhekk, il-punt 77 tal-Linji Gwida dwar l-Għajnuna Ambjentali 2008, li jippermetti intensità tal-għajnuna sa 100 %, ma jistax jintuża fil-każ inkwistjoni.

(168) Barra minn hekk, il-Kummissjoni tqis li l-metodu ta' riabilitazzjoni ta' munzell ta' skart li jinvolvi l-fatt li jitgħatta kollox b'saff impermeabbli li jiżgura l-iżolament tiegħu mill-ilma, ma jistax jiġi kkunsidrat proġett ekoinnovattiv skont it-tifsira tal-punt 78 tal-Linji Gwida dwar l-Għajnuna Ambjentali 2008. Minkejja l-argumenti tal-awtoritajiet Spanjoli li l-kisja hija unika u innovattiva, dan il-metodu ma jistax jitqies bħala ġdid jew sostanzjalment imtejjeb meta mqabbel mal-aktar tekniki moderni fl-industrija tal-Unjoni għar-raġunijiet li ġejjin.

(169) Jista' jkun hemm differenzi tekniċi bejn il-kisja ta' Vilafruns u l-kisja magħmula fil-każ tal-munzelli ta' skart tal-Alsace, kif ġie spjegat b'kontribuzzjoni teknika mill-Agencia Catalana del Agua. Madankollu, metodoloġiji simili

([29]) Jiġifieri EUR 7 887 571 nieqes EUR […] biż-żieda ta' EUR […].

mmirati biex jgħattu u jissiġillaw il-munzell b'materjal impermeabbli kienu diġà twettqu, b'mod partikolari fil-Ġermanja. Skont ktieb ta' espert Ġermaniż li b'mod speċifiku jittratta t-teknoloġiji disponibbli fl-industrija tal-potassa ([30]), hemm esperjenza twila ta' 30 sena ta' kisi ta' munzelli sħaħ ta' skart mill-estrazzjoni tal-potassa fil-Ġermanja, bil-għan li jiġi pprevenut id-dħul tal-ilma fil-munzell biex b'hekk jiġu mminimizzati t-tnixxijiet. Il-ktieb isostni li esperimenti bil-kisi ta' munzelli ta' skart fil-Ġermanja jmorru lura għas-snin ħamsin u li mis-snin sebgħin, u b'mod partikolari fis-snin disgħin, tgħattew għadd ta' munzelli primarjament ta' daqs medju fil-Ġermanja filwaqt li kienu qed jiġu ppruvati diversi tipi ta' materjali u tekniki. Ir-Rapport Annwali tal-2015 tal-kumpanija Ġermaniża tal-estrazzjoni tal-potassa K+S jindika li munzelli li ma għadhomx użati ta' skart mit-tisfija tal-minerali, żgħar u ta' daqs medju tgħattew bħala parti mill-istrateġija tagħha dwar il-munzelli l-qodma fil-qafas ta' sforz biex jiġi evitat u mminimizzat l-impatt fit-tul fuq in-natura u l-ambjent. B'kollox, bħalissa qed issir manutenzjoni ta' 41 munzell li ma għadhomx użati ta' skart mit-tisfija tal-minerali fis-Sassonja t'Isfel u ta' tnejn fil-Baden-Württemberg twettqet ir-riveġetazzjoni ta' ħmistax minnhom filwaqt li sitta oħra jinsabu fil-proċess ta' riveġetazzjoni ([31]).

(170) Għalhekk, minkejja li d-dettalji tekniċi ta' dawn il-proġetti jista' jkun li jvarjaw skont il-kundizzjonijiet partikolari ta' kull sit, il-proġett ma jistax jitqies bħala ekoinnovazzjoni skont it-taqsima 3.1.1 tal-Linji Gwida dwar l-Għajnuna Ambjentali 2008.

(171) Għalhekk, l-intensità massima tal-għajnuna għal Iberpotash bħala intrapriża kbira skont il-punt 76 tal-Linji Gwida tal-Għajnuna Ambjentali 2008 hija 50 % tal-kostijiet eliġibbli.

(172) Għaldaqstant, l-ammont massimu tal-għajnuna li l-Kummissjoni tqis kompatibbli mas-suq intern skont il-Linji Gwida dwar l-Għajnuna Ambjentali 2008 bħala għajnuna għall-investiment li tagħti lil Iberpotash il-possibbiltà li żżid il-livell ta' protezzjoni tal-ambjent tammonta għal EUR 3 902 461,30.

(173) Konsegwentement, il-Kummissjoni tqis il-bqija tal-ammont totali tal-għajnuna għal din il-miżura (jiġifieri EUR 3 985 109,70) bħala għajnuna illegali u inkompatibbli.

6. **IRKUPRU**

(174) Skont it-Trattat u l-ġurisprudenza stabbilita tal-Qorti, il-Kummissjoni hija kompetenti biex tiddeċiedi jekk l-Istat Membru kkonċernat għandux jabolixxi jew jibdel l-għajnuna meta tkun sabet li din tkun inkompatibbli mas-suq intern ([32]). Il-Qorti sostniet ukoll b'mod konsistenti li l-obbligu fuq Stat Membru li jabolixxi l-għajnuna li l-Kummissjoni tqisha inkompatibbli mas-suq intern huwa mfassal biex jistabbilixxi mill-ġdid is-sitwazzjoni kif kienet qabel ([33]).

(175) F'dan il-kuntest, il-Qorti stabbilixxiet li dan l-objettiv jintlaħaq ġaladarba r-riċevitur ikun ħallas lura l-ammonti mogħtija bħala għajnuna illegali, b'hekk jitlef il-vantaġġ li jkun ibbenefika minnu fuq il-kompetituri tiegħu fis-suq, u tkun ġiet restawrata s-sitwazzjoni ta' qabel il-ħlas tal-għajnuna ([34]).

(176) B'konformità mal-ġurisprudenza, l-Artikolu 16(1) tar-Regolament tal-Kunsill (UE) 2015/1589 ([35]) iddikjara li "Fejn jittieħdu deċiżjonijiet negattivi f'każijiet ta' għajnuna li tmur kontra l-liġi, il-Kummissjoni għandha tiddeċiedi li l-Istat Membru kkonċernat għandu jieħu l-miżuri kollha meħtieġa biex jirkupra l-għajnuna mill-benefiċjarju […]".

(177) Għalhekk, billi l-miżuri inkwistjoni:

(a) l-ammont totali tal-għajnuna mogħtija lil Iberpotash fil-qafas tal-Miżura 1 f'għamla ta' imposti bankarji aktar baxxi għal-livell imnaqqas tal-garanziji għall-perjodu 2006-2016, li jikkorrispondi għal EUR 1 864 622, u

([30]) Henry Rauche: Die Kaliindustrie im 21. Jahrhundert, Springer-Verlag Berlin Heidelberg 2015, http://www.springer.com/de/book/9783662468333. Waħda mill-partijiet interessati ġibditilna l-attenzjoni għall-eżistenza ta' dan il-ktieb. Inkiteb minn espert bi 30 sena esperjenza fl-industrija tal-potassa u jikkostitwixxi, anki skont evalwazzjonijiet indipendenti (ara pereżempju https://mining-report.de/blog/henry-rauche-die-kaliindustrie-im-21-jahrhundert/) preżentazzjoni komprensiva tat-tekniki tal-ogħla livell ta' żvilupp tekniku fl-industrija tal-potassa.

([31]) Rapport Annwali tal-2015 ta' K+S, paġna 48, http://www.k-plus-s.com/en/archiv/finanzberichte.html

([32]) Ara l-Kawża C-70/72, il-Kummissjoni vs il-Ġermanja, [1973] ECLI:EU:C:1973:87, paragrafu 13.

([33]) Ara l-Kawżi Magħquda C-278/92, C-279/92 u C-280/92, Spanja vs il-Kummissjoni, [1994] ECLI:EU:C:1994:325, il-paragrafu 75.

([34]) Ara l-Kawża C-75/97, il-Belġju vs il-Kummissjoni, [1999] ECLI:EU:C:1999:31, il-paragrafi 64 u 65.

([35]) Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2015/1589 tat-13 ta' Lulju 2015 li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-applikazzjoni tal-Artikolu 108 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (ĠU L 248, 24.9.2015, p. 9).

(b) dik il-parti mill-Miżura 4 li taqbeż l-intensità massima tal-għajnuna rigward l-għajnuna għall-investiment li tat lil Iberpotash il-possibbiltà li żżid il-livell ta' ħarsien tal-ambjent billi tgħatti l-munzell ta' skart ta' Vilafruns, li tammonta għal EUR 3 985 109,70, ġew implimentati bi ksur tal-Artikolu 108 tat-Trattat, u għandhom jitqiesu bħala għajnuna illegali u inkompatibbli, dawn iridu jiġu rkuprati sabiex tiġi stabbilita mill-ġdid is-sitwazzjoni li kienet teżisti fis-suq qabel l-għoti tagħhom. L-irkupru jenħtieġ li jkopri ż-żmien minn meta seħħ il-vantaġġ għall-benefiċjarju, jiġifieri meta l-għajnuna tpoġġiet għad-dispożizzjoni tal-benefiċjarju, sal-irkupru effettiv tagħha u s-somom li għandhom jiġu rkuprati jenħtieġ li jkollhom imgħax sal-irkupru effettiv.

7. **KONKLUŻJONI**

(178) Il-Kummissjoni ssib li Spanja implimentat b'mod illegali l-għajnuna mogħtija lil Iberpotash fil-qafas tal-Miżura 1 f'għamla ta' imposti fuq il-garanziji aktar baxxi milli suppost li jirriżultaw mil-livell baxx wisq tal-garanziji għall-perjodu 2006-2016, li jammontaw għal EUR 1 864 622, bi ksur tal-Artikolu 108(3) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea. Il-Kummissjoni ssib li din l-għajnuna hija inkompatibbli mas-suq intern u trid tiġi rkuprata.

(179) Il-Kummissjoni ssib li Spanja implimentat b'mod illegali l-għajnuna għall-investiment li ppermetta lil Iberpotash iżżid il-livell ta' ħarsien tal-ambjent billi tgħatti l-munzell ta' skart ta' Vilafruns (Miżura 4), bi ksur tal-Artikolu 108(3) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea.

(180) Madankollu, il-Kummissjoni ssib li parti mill-Miżura 4, li tammonta għal EUR 3 902 461,30, hija kompatibbli mas-suq intern fi ħdan it-tifsira tal-Artikolu 107(3)(c) billi tikkonforma mal-Linji Gwida dwar l-Għajnuna Ambjentali 2008.

(181) Għall-kuntrarju, il-Kummissjoni ssib li l-parti li fadal mill-ammont totali tal-għajnuna għall-Miżura 4 u li taqbeż l-intensità massima tal-għajnuna awtorizzata, jiġifieri EUR 3 985 109,70, hija inkompatibbli mas-suq intern u trid tiġi rkuprata,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

(1) L-għajnuna mill-Istat favur Iberpotash f'għamla ta' imposti fuq il-garanziji aktar baxxi milli suppost li jirriżultaw minn livell baxx wisq tal-garanziji għall-perjodu 2006-2016, li tammonta għal EUR 1 864 622, mogħtija minn Spanja b'mod illegali bi ksur tal-Artikolu 108(3) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, hija inkompatibbli mas-suq intern.

(2) L-għajnuna mill-Istat għall-kisi tal-munzell ta' skart ta' Vilafruns, li tammonta għal EUR 3 902 461,30, mogħtija minn Spanja favur Iberpotash b'mod illegali, bi ksur tal-Artikolu 108(3) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, hija inkompatibbli mas-suq intern skont it-tifsira tal-Artikolu 107(3)(c).

(3) Il-parti li fadal tal-għajnuna mill-Istat għall-kisi tal-munzell ta' skart ta' Vilafruns, li tammonta għal EUR 3 985 109,70, mogħtija minn Spanja favur Iberpotash b'mod illegali, bi ksur tal-Artikolu 108(3) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, hija inkompatibbli mas-suq intern.

Artikolu 2

(1) Spanja għandha tirkupra l-għajnuna msemmija fl-Artikoli 1(1) u (3) mingħand il-benefiċjarju.

(2) L-ammonti li jridu jiġu rkuprati għandu jkollhom l-imgħax mid-data li fiha jkunu tpoġġew għad-dispożizzjoni tal-benefiċjarju sal-irkupru reali tagħhom.

(3) L-imgħax għandu jiġi kkalkulat fuq bażi komposta skont il-Kapitolu V tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 794/2004 ([36]) u skont ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 271/2008 ([37]) li jemenda r-Regolament (KE) Nru 794/2004.

(4) Spanja għandha tikkanċella l-pagamenti tal-għajnuna pendenti kollha msemmija fl-Artikolu 1(1) u (3) b'effett mid-data tal-adozzjoni ta' din id-deċiżjoni.

Artikolu 3

(1) L-irkupru tal-għajnuna msemmija fl-Artikolu 1(1) u (3) għandu jkun immedjat u effettiv.

(2) Spanja għandha tiżgura li din id-Deċiżjoni tiġi implimentata fi żmien erba' xhur wara d-data ta' notifika ta' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 4

(1) Fi żmien xahrejn wara n-notifika ta' din id-Deċiżjoni, Spanja għandha tissottometti t-tagħrif li ġej lill-Kummissjoni:

(a) l-ammont totali (somma kapitali ewlenija u mgħaxijiet) li għandu jiġi rkuprat mingħand il-benefiċjarju;

(b) deskrizzjoni dettaljata tal-miżuri diġà meħuda u ppjanati biex tikkonforma ma' din id-Deċiżjoni;

(c) dokumenti li juru li l-benefiċjarju ġie ordnat iħallas lura l-għajnuna.

(2) Spanja għandha żżomm lill-Kummissjoni informata bil-progress tal-miżuri nazzjonali meħuda għall-implimentazzjoni ta' din id-Deċiżjoni sakemm tkun tħallset lura l-għajnuna kollha msemmija fl-Artikoli 1(1) u (3). Hija għandha tissottometti minnufih, fuq sempliċi talba mill-Kummissjoni, informazzjoni dwar il-miżuri li jkunu diġà ttieħdu u dawk ippjanati sabiex tikkonforma ma' din id-Deċiżjoni. Hija għandha tipprovdi wkoll informazzjoni dettaljata dwar l-ammonti ta' għajnuna u l-imgħax ta' rkupru diġà rkuprati mingħand il-benefiċjarju.

Artikolu 5

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lir-Renju ta' Spanja.

Magħmul fi Brussell, il-31 ta' Awwissu 2017.

Għall-Kummissjoni
Margrethe VESTAGER
Membru tal-Kummissjoni

([36]) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 794/2004 tal-21 ta' April 2004 li jimplimenta r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 659/1999 li jippreskrivi regoli dettaljati għall-applikazzjoni ta' l-Artikolu 93 tat-Trattat (ĠU L 140, 30.4.2004, p. 1).

([37]) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 271/2008 tat-30 ta' Jannar 2008 li jemenda ir-Regolament (KE) Nru 794/2004 li jimplimenta r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 659/1999 li jippreskrivi regoli dettaljati għall-applikazzjoni ta' l-Artikolu 93 tat-Trattat tal-KE (ĠU L 82, 25.3.2008, p. 1).